ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 162

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 51**

**21 ta' Ġunju 2008**

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 583/2008 ta' l-20 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ...................... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 584/2008 ta' l-20 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-*Salmonella* Enteritidis *Salmonella* Typhimurium fid-dundjani** (1) ...... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 585/2008 tad-19 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fil-Kattegat min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Iżvezja** 9

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2008/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni** 11

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/62/KE ta' l-20 ta' Ġunju 2008 li tipprevedi ċerti derogi għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikolari) u varjetajiet agrikoli li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda minn tagħwir ġenetiku, u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' dawk il-landraces u varjetajiet** (1) ........................ 13

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/63/KE ta' l-20 ta' Ġunju 2008 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet** (Verżjoni kodifikata) (1) ...................... 20

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

★ **Deċiżjoni Nru 586/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom** ................................................................ 27

---

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Parlament Ewropew u Kunsill**

2008/469/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE bi qbil mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba** ........................................................................ 30

**Kummissjoni**

2008/470/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2008 dwar il-projbizzjoni provviżorja ta' l-użu u l-bejgħ fl-Awstrija ta' qamħirrum modifikat ġenetikament (*Zea mays* L. linja T25) skond id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1715)* (1)............................................................................ 31

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/471/KE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Mejju 2008 dwar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: Trikloroetilene, Benżin, u 2-methoxy-2-methylbutane (TAME)** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2271)* [1] ..... 34

2008/472/KE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Mejju 2008 dwar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: 2,3-Epoxypropyltrimethylammonium chloride (EPTAC), (3-Chloro-2-hydroxy-propyl) trimethylammonium chloride (CHPTAC) u Hexachlorocyclopentadiene** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2316)* [1] ..... 37

2008/473/KE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta’ Ġunju 2008 dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltà ċivili ta’ l-awdituri u d-ditti tal-verifika statutorji** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2274)* [1] ..... 39

MT

[1] Test b’relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 583/2008

### ta' l-20 ta' Ġunju 2008

### li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni ta' l-20 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 41,8 |
| | MK | 34,1 |
| | TR | 59,0 |
| | ZZ | 45,0 |
| 0707 00 05 | JO | 151,2 |
| | MK | 24,1 |
| | TR | 134,5 |
| | ZZ | 103,3 |
| 0709 90 70 | TR | 101,1 |
| | ZZ | 101,1 |
| 0805 50 10 | AR | 109,6 |
| | EG | 120,2 |
| | TR | 135,6 |
| | US | 99,2 |
| | ZA | 103,7 |
| | ZZ | 113,7 |
| 0808 10 80 | AR | 169,1 |
| | BR | 88,0 |
| | CL | 103,6 |
| | CN | 91,0 |
| | NZ | 118,7 |
| | US | 91,0 |
| | UY | 58,3 |
| | ZA | 97,1 |
| | ZZ | 102,1 |
| 0809 10 00 | IL | 89,8 |
| | TR | 193,8 |
| | US | 236,6 |
| | ZZ | 173,4 |
| 0809 20 95 | TR | 388,7 |
| | US | 379,0 |
| | ZZ | 383,9 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | EG | 182,1 |
| | US | 191,8 |
| | ZZ | 187,0 |
| 0809 40 05 | IL | 121,3 |
| | TR | 131,9 |
| | ZZ | 126,6 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 584/2008

## ta' l-20 ta' Ġunju 2008

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-*Salmonella* Enteritidis *Salmonella* Typhimurium fid-dundjani

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-kontroll tas-*Salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra speċifikati li jinġarru mill-ikel ([1]) u, b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 13 tiegħu;

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa li jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi għall-individwazzjoni u l-kontroll tas-*Salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra fl-istadji rilevanti kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, partikolarment fil-livell ta' produzzjoni primarja, biex titnaqqas il-prevalenza tagħhom u r-riskju tagħhom għas-saħħa pubblika.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li għandha tiġi stabbilita mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi tas-*Salmonella* kollha b'sinifikat għas-saħħa pubblika fid-dundjani fil-livell ta' produzzjoni primarja. Dan it-tnaqqis huwa importanti fid-dawl tal-miżuri stretti li se japplikaw għal laħam frisk minn qatgħat infettati ta' dundjani skond dan ir-Regolament, mit-12 ta' Diċembru 2010. B'mod partikolari, laħam frisk tat-tjur, inkluż laħam tad-dundjani, ma jistax jitqiegħed fis-suq għall-konsum mill-bniedem sakemm ma jiddodisfax il-kriterji li ġejjin: "Assenza ta' *Salmonella* f'25 gramma".

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jipprevedi li l-mira Komunitarja tinkludi espressjoni numerika tal-persentaġġ massimu ta' unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi u/jew il-persentaġġ minimu ta' tnaqqis fil-għadd ta' unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi, il-limitu massimu ta' żmien li fih għandha tintlaħaq il-mira, kif ukoll id-definizzjoni ta' l-iskemi ta' ttestjar meħtieġa għall-verifika tal-kisba tal-mira. Għandu jinkludi wkoll definizzjoni, fejn xieraq, tas-serotipi b'sinifikat għas-saħħa pubblika.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li l-esperjenza miksuba skond il-miżuri nazzjonali ta' kontroll attwali u tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni jew lill-Awtorità dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel skond ir-rekwiżiti attwali tal-Komunità, b'mod partikolari fil-qafas tat-tagħrif stipulat fid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-issorveljar taż-żoonożi u aġenti żoonotiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu, għandhom jitqiesu fl-issettjar tal-mira tal-Komunità.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li, meta tiddefinixxi kull mira tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tipprovdi analiżi ta' l-infiq u l-benefiċċji tagħha mistennija. Iżda, b'deroga, il-mira tal-Komunità għad-dundjan, li tkopri s-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium tista' tiġi stabbilita għal perjodu tranżizzjonali mingħajr analiżi bħal din.

(6) *Data* komparabbli dwar il-prevalenza tas-serotipi tas-*Salmonella* f'qatgħat ta' dundjani fl-Istati Membri għalhekk inġabret skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/662/KE tad-29 ta' Settembru 2006 li tirrigwarda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal stħarriġ ta' referenza dwar il-prevalenza tas-*Salmonella* fid-dundjani li trid titwettaq fl-Istati Membri ([3]).

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin, il-mira tal-Komunità għad-dundjani hi li jiġu koperti s-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium biss. Serotipi oħrajn b'sinifikat għas-saħħa pubblika jistgħu jitqiesu wara dak il-perjodu.

(8) Biex jiġi vverifikat il-progress dwar il-kisba tal-mira Komunitarja, jeħtieġ li jiġi provvdut għat-teħid ripetut ta' kampjuni ta' qatgħat ta' dundjani f'dan ir-Regolament.

(9) Skond l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) ġiet ikkonsultata dwar it-twaqqif tal-mira Komunitarja għad-dundjani.

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1237/2007 (ĠU L 280, 24.10.2007, p. 5).

([2]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

([3]) ĠU L 272, 3.10.2006, p. 22, edizzjoni bil-Malti ĠU L 142M, 5.6.2007, p. 208.

(10) It-Task Force għall-Ġbir ta' *Data* dwar iż-Żoonożi ta' l-EFSA adottat fit-28 ta' April 2008 Rapport dwar l-Analiżi ta' l-istħarriġ ta' referenza fuq il-prevalenza tas-*Salmonella* f'qatgħat ta' dundjani fl-UE, 2006-2007, Parti A: Stimi ta' prevalenza tas-*Salmonella*.

(11) Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 646/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda mira Komunitarja biex titnaqqas is-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium fil-brojlers u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1091/2005 [1], ta' l-anqas żewġ pari ta' kampjuni jittieħdu biex isiru kampjuni ta' brojlers għas-*Salmonella*. Evidenza xjentifika ġdida turi li l-użu ta' taħlita ta' kampjuni miġbura b'par wieħed ta' *boot/sock swabs* u kampjun ta' trab jagħti ta' l-inqas l-istess riżultat daqs li jittieħed kampjun ta' żewġ pari. Għaldaqstant, din it-taħlita għandha titħalla bħala metodu ta' teħid ta' kampjuni alternattiv u r-Regolament (KE) Nru 646/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Mira Komunitarja**

1. Il-mira Komunitarja, kif jissemma fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, għat-tnaqqis tas-*Salmonella* enteritidis u s-*Salmonella* typhimurium fid-dundjani ("Mira Komunitarja") għandha tkun:

(a) tnaqqis ta' l-ogħla perċentwal ta' qatgħat ta' dundjani għas-simna li jibqgħu pożittivi għas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium sa 1 % jew anqas sal-31 ta' Diċembru 2012 u,

(b) tnaqqis ta' l-ogħla perċentwal ta' qatgħat ta' dundjani għat-tgħammir li jibqgħu pożittivi għas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium sa 1 % jew anqas sal-31 ta' Diċembru 2012.

Iżda, għall-Istati Membri b'anqas minn 100 qatgħa ta' dundjani adulti għat-tgħammir jew simna, il-mira tal-Komunità għandha tkun li mhux aktar minn qatgħa waħda ta' dundjani adulti għat-tgħammir jew simna jistgħu jibqgħu pożittivi sal-31 ta' Diċembru 2012.

2. L-iskema ta' ttestjar meħtieġa għall-verifika tal-progress fil-kisba tal-mira Komunitarja hi stipulata fl-Anness.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra reviżjoni tal-mira u ta' l-iskema ta' ttestjar stipulata fl-Anness ibbażata fuq l-esperjenza miksuba fl-2010, l-ewwel sena tal-programmi ta' kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 646/2007**

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 646/2007, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

(1) fi tmien il-punt 2:

"Alternattivament, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li għandu jittieħed kampjun minn par wieħed ta' *boot swabs*, li jkopri 100 % taż-żona ta' l-azjenda jekk jitħallat ma kampjun ta' trab, miġbur minn aktar minn post wieħed ma' l-impjant kollu minn uċuħ li fihom preżenza viżibbli ta' trab."

(2) Wara t-tieni paragrafu tal-punt 3(1):

"Il-kampjun tat-trab aħjar jiġi analizzat għal rasu. Iżda, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tgħaqqdu mal-kampjun ta' par *boot/sock swabs* għall-analiżi."

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1(1) u (3), u 2 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008 u l-Artikolu 1(2) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 151, 13.6.2007, p. 21.

*ANNESS*

**Skema ta' ttestjar neċessarja biex tkun verifikata l-kisba tal-mira Komunitarja msemmija fl-Artikolu 1(2)**

1. **Il-frekwenza u l-istatus tat-teħid tal-kampjuni**

(a) Il-qafas tat-teħid ta' kampjuni għandu jkopri l-qatgħat kollha ta' dundjani għas-simna u tgħammir koperti mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

(b) Għandhom jittieħdu kampjuni ta' qatgħat ta' dundjani bl-inizjattiva ta' l-operatur kummerċjali ta' l-ikel u mill-awtorità kompetenti.

(i) It-teħid ta' kampjuni ta' dundjani għas-simna u tgħammir bl-inizjattiva ta' l-operatur kummerċjali ta' l-ikel għandu jsir skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 fi żmien tliet ġimgħat qabel mat-tjur jintbagħtu lejn il-biċċerija. Ir-riżultati jibqgħu biss validi sa mhux aktar minn sitt ġimgħat wara t-teħid ta' kampjuni u għalhekk jista' jkun meħtieġ li jiġi ripetut it-teħid ta' kampjuni fuq l-istess qatgħa.

(ii) Barra minn hekk, it-teħid ta' kampjuni minn qatgħat ta' dundjani għat-tgħammir fuq l-inizjattiva ta' l-operatur kummerċjali ta' l-ikel jista' jseħħ:

— F'qatgħat tat-trobbija: ma' ġurnata, ma' erba' ġimgħat ta' età u ġimagħtejn qabel ma jimxu għall-fażi li fiha jbidu jew għall-unità fejn ibidu;

— F'qatgħat adulti: ta' l-inqas kull tielet ġimgħa matul il-perjodu li fih ibidu fl-azjenda jew fil-mafqas.

(iii) It-teħid ta' kampjuni mill-awtoritajiet kompetenti għandu ta' l-anqas jinkludi:

— darba f'sena, il-qatgħat kollha fuq 10 % ta' l-azjendi b'ta' l-inqas 250 dundjan adult tat-tgħammir bejn 30 u 45 ġimgħa ta' età iżda inklużi dejjem l-azjendi kollha fejn tkun instabet is-*Salmonella* Enteritidis jew is-*Salmonella* Typhimurium matul it-12-il xahar ta' qabel u l-azjendi kollha b'dundjani tat-tgħammir elite, il-bużnanniet u n-nanniet. Dan it-teħid ta' kampjuni jista' jseħħ ukoll fil-mafqas;

— il-qatgħat kollha f'azjendi f'każ li tinstab is-*Salmonella* Enteritidis jew is-*Salmonella* Typhimurium minn kampjuni meħuda fil-mafqas minn operaturi kummerċjali ta' l-ikel jew fi ħdan il-kwadru ta' kontrolli uffiċjali, biex tiġi investigata l-oriġini ta' l-infezzjoni;

— darba fis-sena, il-qatgħat kollha f'10 % ta' l-azjendi b'ta' l-inqas 500 dundjan għas-simna, iżda kien x'kien il-każ:

— il-qatgħat kollha fl-azjenda meta qatgħa waħda tinstab pożittiva għas-*Salmonella* Enteritidis jew is-*Salmomella* Typhimurium f'kampjuni meħuda mill-operatur kummerċjali ta' l-ikel, sakemm il-laħam tad-dundjani fil-qatgħat ma jkunx destinat għal trattament industrijali ta' sħana jew trattament ieħor biex tiġi eliminata s-*Salmonella*, u

— il-qatgħat kollha fl-azjenda meta qatgħa waħda tinstab pożittiva għas-*Salmonella* Enteritidis jew is-*Salmonella* Typhimurium matul id-darba ta' qabel f'kampjuni meħuda mill-operatur kummerċjali ta' l-ikel, u

— kull darba li l-awtorità kompetenti tqis li huwa meħtieġ.

It-teħid ta' kampjuni mwettaq mill-awtorità kompetenti jista' jieħu post teħid wieħed ta' kampjuni fuq l-inizjattiva ta' l-operatur kummerċjali ta' l-ikel.

2. **Il-Protokoll għat-teħid tal-kampjuni**

2.1. *Teħid ta' kampjuni fil-mafqas*

It-teħid ta' kampjuni għandu jseħħ bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2.2.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1003/2005 ([1]).

2.2. *Teħid ta' kampjuni fl-azjenda*

2.2.1 Dundjani tat-tgħammir

Il-kampjuni għandhom jittieħdu bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2.2.2 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1003/2005.

([1]) ĠU L 170, 1.7.2005, p. 12. Edizzjoni bil-Malti ĠU L 287M, 18.10.2006, p. 6.

2.2.2 Dundjani tas-simna

Għandhom jittieħdu mill-anqas żewġ pari ta' kampjuni tal-*boot/sock swabs*. Għall-qatgħat imrobbija fil-ftuħ, il-kampjuni għandhom jinġabru biss fiż-żona ġewwa l-bini ta' l-impjant. Il-kampjuni tal-*boot/sock swabs* kollha għandhom jinġabru f'kampjun wieħed.

F'qatgħat ta' anqas minn 100 dundjan, meta ma jkunx possibbli li jintużaw kampjuni ta' *boot/sock swabs* minħabba li mhux possibbli l-aċċess fil-bini ta' l-impjant, dawn jistgħu jiġu sostitwiti b'kampjuni li jittieħdu bi *swabs* ta' l-idejn, fejn il-*boot/sock swabs* jintlibsu fuq l-idejn mgħottija b'ingwanti u jintmesħu fuq uċuħ li huma kkontaminati bi ħmieġ li jkun għadu frisk, jew jekk dan ma jkunx vijabbli, permezz ta' xi teknika oħra ta' ksib ta' kampjuni ta' ħmieġ adattata għal dan il-għan.

Qabel ma jintlibsu l-*boot/sock swabs*, il-wiċċ tagħhom għandu jixxarrab b'dilwenti ta' rkupru massimu (MRD: 0,8 % klorur tas-sodju, 0,1 % peptun f'ilma dejonizzat sterili), jew ilma sterili jew kwalunkwe dilwizzjoni oħra approvata mil-laboratorju nazzjonali ta' referenza msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003. L-użu ta' l-ilma ta' l-irziezet li fih aġenti kontra l-mikrobi jew disinfettanti addizzjonali għandu jkun projbit. Il-mod rakkomandat kif għandhom jixxarrbu l-*boot swabs* għandu jkun li jiġi mferra' ġewwa fihom il-likwidu qabel ma jintlibsu. Alternattivament, il-*boot/sock swabs* li jkunu sterillizzati (*autoclaved*) b'dilwizzjonijiet f'boroż jew važetti ta' l-*autoclave* qabel ma jintużaw. Id-dilwenti jistgħu jiġu applikati wkoll permezz ta' flixkun ta' l-isprej jew tal-ħasil wara li jintlibsu l-*boots*.

Għandu jkun żgurat li t-taqsimiet kollha ta' bini fl-impjant huma rappreżentati fil-kampjun b'mod proporzjonat. Kull par għandu jkopri madwar 50 % taż-żona tal-bini fl-impjant.

Alternattivament, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li għandu jittieħed kampjun minn par wieħed ta'*boot swabs*, li jkopri 100 % taż-żona tal-bini jekk jitħallat ma' kampjun ta' trab, miġbur minn aktar minn post wieħed mal-bini kollu minn uċuħ li fihom preżenza viżibbli ta' trab.

Meta jitlesta t-teħid ta' kampjuni l-*boot/sock swabs* għandhom jitneħħew bil-galbu biex ma jinqalax xi materjal imwaħħal magħhom. Il-*boot swabs* jistgħu jinqalbu ta' ġewwa barra biex jinżamm il-materjal. Għandhom jitpoġġew f'borża jew kontenitur u titwaħħlilhom tikketta.

L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja l-edukazzjoni ta' l-operaturi kummerċjali ta' l-ikel biex tiggarantixxi l-applikazzjoni korretta tal-protokoll tat-teħid ta' kampjuni.

Fil-każ ta' teħid ta' kampjuni mill-awtorità kompetenti minħabba suspett ta' infezzjoni ta' *Salmonella* f'qatgħa f'din l-azjenda u fi kwalunkwe każ ieħor li jitqies xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tissodisfa ruħha billi twettaq testijiet ulterjuri kif inhu xieraq biex ir-riżultat ta' l-eżamijiet għas-*Salmonella* fil-qatgħat tad-dundjani ma jkunux affettwati mill-użu ta' l-antimikrobiċi f'dawn il-qatgħat.

Fejn ma tinstabx il-preżenza tas-*Salmonella Enteritidis* u s-*Salmonella Typhimurium* iżda jinstabu antimikrobiċi jew l-effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji, il-qatgħa tad-dundjani għandha tkun ikkunsidrata bħala infettata għall-għan tal-mira Komunitarja msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. **L-eżami tal-kampjuni**

3.1. *It-trasport u t-tħejjija tal-kampjuni*

Il-kampjuni għandhom preferibbilment jintbagħtu bis-servizz espress tal-posta jew kurjer lil-laboratorji msemmija fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, fi żmien 24 siegħa wara li jinġabru. Jekk ma jintbagħtux fi żmien 24 siegħa, għandhom jinħażnu fil-kesħa. Fil-laboratorju, il-kampjuni għandhom jinżammu fil-kesħa sakemm isir l-eżami tagħhom, li għandu jinbħata bidu fi żmien 48 siegħa wara li jasal il-kampjun u fi żmien 96 siegħa wara t-teħid tal-kampjun.

Il-par (pari) ta' kampjuni miġburin permezz tal-*boot/sock swabs* għandhom jinħarġu bil-galbu mill-ippakkjar biex jiġi evitat li jinqala' materjal ta' ħmieġ, jinġabru flimkien u jitpoġġew f'225 ml ta' f'ilma tal-peptun li jkun newtralizzat (*buffered peptone water*, BPW) imsaħħan minn qabel għal temperatura ambjentali. Il-*boot/sock swabs* għandhom jiġu mgħaddsa kompletament fil-BPW u għalhekk wieħed jista' jżid aktar BPW jekk ikun meħtieġ.

'Il-kampjun tat-trab l-aħjar għandu jiġi analizzat b'mod separat. Iżda, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tgħaqqdu mal-kampjun ta' par *boot/sock swabs* għall-analiżi.

Il-kampjun għandu jiġi mħawwad sakemm ikun kompletament issaturat u l-koltura għandha titkompla bl-użu tal-metodu ta' identifikazzjoni fil-punt 3.2.

Il-kampjuni l-oħra (pereżempju mill-imfaqas) għandhom jitħejjew bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2.2.2 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1003/2005.

Jekk l-istandards ta' l-ISO dwar il-preparazzjoni tal-ħmieġ għall-identifikazzjoni tas-*Salmonella* jkun hemm ftehim dwarhom, dawn għandhom jiġu applikati u għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet dwar il-preparazzjoni tat-teħid tal-kampjuni stabbiliti f'dan il-punt.

3.2. *Metodu ta' identifikazzjoni*

Għandu jintuża l-metodu ta' identifikazzjoni li huwa rrakkomandat mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju (CRL) għas-salmonella f'Bilthoven, fl-Olanda.

Dan il-metodu hu deskritt fl-Anness D ta' l-ISO 6579 (2002): 'L-identifikazzjoni tas-*Salmonella* spp. fil-ħmieġ ta' l-annimali u fil-kampjuni ta' l-istadju primarju ta' produzzjoni'. Se tintuża l-aħħar verżjoni ta' l-Anness D.

F'dan il-metodu ta' identifikazzjoni, sustanza semi-solida (is-sustanza semi-solida mmodifikata Rappaport-Vassiladis, MSRV) tintuża bħala s-sustanza selettiva unika ta' arrikkiment.

3.3. *Klassifikazzjoni fuq il-bażi tas-serotipi*

Ta' l-anqas iżolat wieħed minn kull kampjun pożittiv għandu jkun isserotipizzat, skond l-iskema Kaufmann-White.

3.4. *Metodi alternattivi*

Fir-rigward ta' kampjuni meħuda bl-inizjattiva ta' l-operatur kummerċjali ta' l-ikel, il-metodi ta' analiżi previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 ([1]), jistgħu jintużaw minflok il-metodi għall-preparazzjoni tal-kampjuni, metodi ta' identifikazzjoni u s-serotipizzar previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dan l-Anness, jekk ivvalidati skond l-EN/ISO 16140/2003.

3.5. *Ħżin ta' varjanti*

Il-laboratorji għandhom jiggarantixxu li ta' l-anqas varjant wieħed iżolat tas-*Salmonella* spp. għal kull bini ta' l-impjant kull sena għandu jinġabar mill-awtorità kompetenti u jiġi maħżun għall-*phagetyping* li jista' jkun possibbli fil-ġejjieni jew l-ittestjar għas-suxxettibbiltà anti-mikrobika, bl-użu tal-metodi normali għall-ġbir tal-kultura, li għandu jiżgura l-integrità tal-varjanti għal perjodu minimu ta' sentejn.

4. **Riżultati u rapportar**

4.1. *L-identifikazzjoni tas-Salmonella Enteritidis u/jew is-Salmonella Typhimurium*

Il-laboratorju għandu jirrapporta minnufih kull identifikazzjoni tas-*Salmaonella Enteritidis* u/jew *Salmonella Typhimurium* lill-awtorità kompetenti u jagħti referenzi rigward l-azjenda u l-qatgħat.

4.2. *Kalkolu tal-prevalenza għall-verifika tal-mira Komunitarja*

Qatgħa ta' dundjani għandha titqies pożittiva għall-iskop tal-verifika tat-twettiq tal-mira Komunitarja, fejn il-preżenza tas-*Salmonella Enteritidis* u/jew s-*Salmonella Typhimurium* (għajr għall-varjanti tal-vaċċin) tkun instabet fil-qatgħa fi kwalunkwe okkażjoni.

Qatgħat ta' dundjani pożittivi għandhom jingħaddu darba biss kull rawnd, irrispettivament min-numru ta' operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni u ttestjar u jiġu rrapportati biss fis-sena li fiha jinstabu pożittivi għall-ewwel darba.

Il-prevalenza għandha tiġi kkalkulata b'mod separat għal qatgħat ta' dundjani tat-tismin u qatgħat ta' dundjani adulti tat-tgħammir.

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

4.3. *Rappurtar Annwali*

Ir-rappurtar annwali għandu jinkludi:

(a) L-għadd totali ta' qatgħat ta' dundjani adulti tas-simna u t-tgħammir miġbura f'kampjun mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur kummerċjali ta' l-ikel;

(b) l-għadd totali ta' qatgħat infettati bis-*Salmonella Enteritidis* jew *Salmonella Typhimurium* , ta' dundjani adulti tas-simna u tat-tgħammir;

(ċ) is-serotipi kollha tas-*Salmonella* iżolati (inklużi għajr is-*Salmonella Enteritidis* u s-*Salmonella Typhimurium*) u l-għadd ta' qatgħat infettati għal kull serotip;

(d) spjegazzjonijiet dwar ir-riżultati, partikolarment dawk li jikkonċernaw każi eċċezzjonali.

Ir-riżultati u kull informazzjoni rilevanti addizzjonali għandhom jiġu rrapportati bħala parti mir-rapport dwar it-tendenzi u s-sorsi previst fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE ([1]).

4.4. *Informazzjoni addizzjonali*

Ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja għandha tkun disponibbli minn kull qatgħa ta' dundjani ttestjati għal analiżi fuq livell nazzjonali jew mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel wara talba tagħha:

(a) kampjun meħud mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur kummerċjali ta' l-ikel;

(b) referenza dwar l-azjenda, li tibqa' unika fiż-żmien;

(ċ) referenza dwar il-bini fl-azjenda, li tibqa' unika fiż-żmien;

(d) xahar li fih ittieħdu l-kampjuni

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 585/2008

## tad-19 ta’ Ġunju 2008

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fil-Kattegat min-naħa ta’ bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ l-Iżvezja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta’ l-20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta’ Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta’ kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta’ Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta’ sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta’ ħut u gruppi ta’ stokkijiet ta’ ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f’ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta’ qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2008.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2008.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f’dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f’dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta’ ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta’ Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolamet kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11), kif ikkoreġut bil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.
([3]) ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 10/T&Q |
| Stat Membru | SWE |
| Stokk | COD/03AS. |
| Speċi | Merluzz (*Gadus morhua*) |
| Żona | Kattegat |
| Data | 19.5.2008 |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2008/54/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tas-17 ta' Ġunju 2008

### li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE ([3]) tipprovdi li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([4]).

(2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi jitħassru uħud minn dawk l-elementi jew billi l-istrument jiġi supplementat b'elementi ġodda mhux essenzjali.

(3) Skond id-dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni ([5]) dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, sabiex din il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbli għal strumenti adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat li huwa diġà fis-seħħ, dawk l-istrumenti għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli.

(4) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadatta l-Annessi għad-Direttiva 95/50/KE dwar il-progress xjentifiku u tekniku. Ladarba dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 95/50/KE, iridu jkunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(5) Id-Direttiva 95/50/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq.

(6) Ladarba l-emendi li qed isiru fid-Direttiva 95/50/KE permezz ta' din id-Direttiva huma ta' natura teknika u jikkonċernaw biss il-proċedura tal-kumitat, m'hemmx bżonn li dawn jiġu trasposti mill-Istati Membri. Għaldaqstant, mhux meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għal dak il-għan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

L-Artikolu 9a u 9b tad-Direttiva 95/50/KE għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 9a*

Il-Kummissjoni għandha tadatta l-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, speċjalment biex tieħu kont ta' l-emendi għad-Direttiva 94/55/KE. Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9b(2).

([1]) ĠU C 44, 16.2.2008, p. 52.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Mejju 2008.
([3]) ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/112/KE (ĠU L 367, 14.12.2004, p. 23).
([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
([5]) ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

*Artikolu 9b*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża mwaqqaf mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, 17 ta' Ġunju 2008.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/62/KE

## ta' l-20 ta' Ġunju 2008

## li tipprevedi ċerti derogi għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikolari) u varjetajiet agrikoli li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda minn tagħwir ġenetiku, u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' dawk il-landraces u varjetajiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22a(1)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 22a(1)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 21 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq taż-żerriegħa tal-pitravi [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 27(1)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra [6], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1)(b) tagħha,

Billi:

(1) Il-mistoqsijiet dwar il-bijodiversità u l-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti kibru fl-importanza tagħhom matul dawn l-aħħar snin, kif huwa rifless fi żviluppi differenti fuq livell internazzjonali u Komunitarju. L-eżempji jinkludu d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika [7], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE ta' l-24 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura [8], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 870/2004 tas-24 ta' April 2004 li jistabbilixxi programm tal-Komunità dwar il-ħarsien, karatterizzazzjoni, ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1467/94 [9], u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) [10]. Għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja li tirregola t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti agrikoli, li huma d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE, sabiex jitqiesu dawn il-kwistjonijiet.

(2) Sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni *in situ* u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, għandhom jitkabbru landraces u varjetajiet li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda mill-erożjoni ġenetika ("varjetajiet ta' konservazzjoni") kif ukoll jitqiegħdu fis-suq anki fejn ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ġenerali b'rigward l-aċċettazzjoni ta' varjetajiet u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa. Sabiex jinkiseb dan il-għan huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti derogi fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni ta' varjetajiet ta' konservazzjoni, għall-inklużjoni fil-katalgi nazzjonali ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli kif ukoll għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' dawk il-varjetajiet.

(1) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/72/KE (ĠU L 329, 14.12.2007, p. 37).
(2) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/55/KE (ĠU L 159, 13.6.2006, p. 13).
(3) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).
(4) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/117/KE (ĠU L 14, 18.1.2005, p. 18).
(5) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/908/KE (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 37).
(6) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/117/KE.
(7) ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1.
(8) ĠU L 378, 23.12.2004, p. 1.
(9) ĠU L 162, 30.4.2004, p. 18.
(10) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 146/2008 (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 1).

(3) Dawk id-derogi għandhom ikunu dwar ir-rekwiżiti sustantivi għall-approvazzjoni ta' varjetà u r-rekwiżiti proċedurali previsti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/90/KE tas-6 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżaminar u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżaminar ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli ([1]).

(4) L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, ikunu awtorizzati li jadottaw id-dispożizzjonijiet tagħhom stess fir-rigward ta' preċiżjoni, stabbiltà u uniformità. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom, fir-rigward tal-preċiżjoni u l-istabbiltà, minn ta' l-inqas ikunu msejsa fuq il-karatteristiċi elenkati fil-kwestjonarju tekniku li jrid jimtela mill-applikant b'konnessjoni ma' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-varjetà kif imsemmi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/90/KE. Fejn l-uniformità hija stabbilita fuq il-bażi ta' off-types, id-dipożizzjonijiet għandhom jissejsu fuq standards definiti.

(5) Għandhom jiġu pprovduti rekwiziti proċedurali li taħthom varjetà tista' tiġi aċċettata mingħajr eżaminar uffiċjali. B'żieda ma' dan, fir-rigward tad-denominazzjoni, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti ċerti derogi mir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2002/53/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 930/2000 ta' l-4 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni dwar l-adattabilità tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli u speċi ta' ħxejjex ([2]).

(6) Fir-rigward tal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' varjetajiet ta' konservazzjoni, għandha tiġi prevista deroga miċ-ċertifikazzjoni uffiċjali.

(7) Biex ikun żgurat li t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jseħħ fil-kuntest tal-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, għandhom jiġi previsti restrizzjoniijiet, b'mod partikolari fir-rigward tar-reġjun ta' l-oriġini. Sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni *in situ* u l-użu sostenibbli ta' dawn il-varjetajiet, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li japprovaw reġjuni addizzjonali fejn żerriegħa li taqbeż il-kwantitajiet meħtieġa biex tkun żgurata l-konservazzjoni tal-varjetà kkonċernata fir-reġjun ta' oriġini tagħha tista' titqiegħed fis-suq, dan sakemm dawn ir-reġjuni addizzjonali huma komparabbli fir-rigward ta' ambjenti naturali u seminaturali. Biex ikun żgurat li r-rabta mar-reġjun ta' oriġini tigi mħarsa, dan ma għandux japplika fejn Stat Membru japprova reġjuni addizzjonali ta' produzzjoni.

(8) Għandhom jiġu stabbiliti kwantitajiet massimi għat-tqegħid fis-suq ta' kull varjetà ta' konservazzjoni fi ħdan speċi waħda u kwantità sħiħa għall-varjetajiet kollha ta' konservazzjoni fi ħdan speċi waħda flimkien. Biex ikun żgurat li dawn il-kwantitajiet ikunu rispettati, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-produtturi biex jinnotifikaw il-kwantitajiet tal-varjetajiet ta' konservazzjoni li beħsiebhom jipproduċu u għandhom jallokaw il-kwantitajiet lill-produtturi.

(9) It-traċċabilità taż-żerriegħa u l-patata taż-żerriegħa għandha tiġi żgurata permezz ta' rekwiżiti ta' issiġillar u tikkettar xierqa.

(10) Biex ikun żgurat li r-regoli previsti f'din id-Direttiva jkunu applikati b'mod xieraq, il-ġabra ta' żrieragħ għandha tkun sorveljata, iż-żerriegħa għandha tkun ittestjata u wara għandhom jitwettqu kontrolli uffiċjali. L-ammonti ta' żerriegħa ta' varjetajiet ta' konservazzjoni li jitqiegħdu fis-suq għandhom jiġu rrapurtati mill-fornituri lill-Istati Membri u mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

(11) Wara tliet snin il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk il-miżuri previsti f'din id-Direttiva, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet kwantitattivi, humiex effettivi.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**KONTENUT U TIFSIRIET**

*Artikolu 1*

## Kontenut

1. Fir-rigward ta' l-ispeċi agrikoli koperti mid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE, din id-Direttiva tistipula ċerti derogi, dwar il-konservazzjoni *in situ* u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti permezz tat-tkabbir u t-tqegħid fis-suq:

(a) għall-approvazzjoni ta' l-inklużjoni fil-katalgi nazzjonali ta' varjetajiet ta' speċi tal-pjanti agrikoli, kif previsit fid-Direttiva 2002/53/KE, ta' landraces u varjetajiet li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda minn tagħwir ġenetiku;

([1]) ĠU L 254, 8.10.2003, p. 7. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2007/48/KE (ĠU L 195, 27.7.2007, p. 29).

([2]) ĠU L 108, 5.5.2000, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 920/2007 (ĠU L 201, 2.8.2007, p. 3).

(b) għat-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' landraces u varjetajiet bħal dawn.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE.

*Artikolu 2*

**Tifsiriet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

(a) "konservazzjoni *in-situ*" tfisser il-konservazzjoni ta' materjal ġenetiku fl-ambjent naturali tiegħu u, fil-każ ta' speċi ta' pjanti kkultivati, f'ambjenti kkultivati fejn dawn żviluppaw il-proprjetajiet distintivi tagħhom;

(b) "tagħwir ġenetiku" tfisser telf ta' diversità ġenetika bejn u ġewwa popolazzjonijiet u varjetajiet ta' l-istess speċi biż-żmien, jew tnaqqis fil-bażi ġenetika ta' speċi kawża ta' intervenzjoni umana jew bidla fl-ambjent;

(ċ) "landrace" tfisser sett ta' popolazzjonijiet jew kloni ta' speċi ta' pjanti li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet ambjentali tar-reġjun tagħhom;

(d) "żerriegħa" tfisser żerriegħa u patata taż-żerriegħa, sakemm il-patata taż-żerriegħa ma tkunax eskluż espressament.

KAPITOLU II

**APPROVAZZJONI TA' VARJETAJIET TA' KONSERVAZZJONI**

*Artikolu 3*

**Varjetà ta' konservazzjoni**

Fil-katalgi nazzjonali ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw il-landraces u l-varjetajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1)(a) soġġetti għar-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 4 u 5. Landraces jew varjetajiet bħal dawn għandhom jitniżżlu fil-katalgu komuni tal-varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli bħala "varjetajiet ta' konservazzjoni".

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti sostantivi**

1. Sabiex tkun approvata bħala varjetà ta' konservazzjoni, landrace jew varjetà msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) għandha tippreżenta interess għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti.

2. B'deroga mill-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2003/90/KE, l-Istati Membri jistgħu jadottaw id-dispożizzjonijiet tagħhom stess fir-rigward ta' preċiżjoni, stabbilità u uniformità ta' varjetajiet ta' konservazzjoni.

F'każijiet bħal dawn l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-preċiżjoni u l-istabbiltà ta' l-anqas għandhom japplikaw il-karatteristiċi li huma msemmija:

(a) fil-kwestjonarji tekniċi assoċjati mal-protokolli tat-test ta' l-Uffiċċju Komunitarju dwar il-Varjetà tal-Pjanti (CPVO) elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/90/KE, li japplikaw għal dawk l-ispeċi, jew

(b) fil-kwestjonarji tekniċi tal-linji ta' gwida ta' l-Unjoni Internazzjonali għall-Ħarsien ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV) elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2003/90/KE, li tapplika għal dawk l-ispeċi.

Għall-evalwazzjoni ta' l-uniformità għandha tapplika d-Direttiva 2003/90/KE.

Madankollu, jekk il-livell ta' uniformità huwa stabbilit fuq il-bażi ta' off-types, għandhom japplikaw standard tal-popolazzjoni ta' 10 % u probabbiltà ta' approvazzjoni ta' mill-anqas 90 %.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti proċedurali**

B'deroga mill-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2002/53/KE, ma għandux ikun meħtieġ eżaminar uffiċjali jekk it-tagħrif li ġej huwa biżżejjed għad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-varjetajiet ta' konservazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-varjetà ta' konservazzjoni u d-denominazzjoni tagħha;

(b) ir-riżultati ta' testijiet mhux uffiċjali;

(ċ) għarfien miksub minn esperjenza prattika matul il-kultivazzjoni, ir-riproduzzjoni u l-użu, kif nnotifikat mill-applikant ta' l-Istat Membru kkonċernat;

(d) tagħrif ieħor, b'mod partikolari minn awtoritajiet ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti għal dan l-għan mill-Istati Membri.

*Artikolu 6*

**L-esklużjoni ta' l-approvazzjoni**

Varjetà ta' konservazzjoni ma għandhiex tiġi aċċettata għall-inklużjoni fil-katalgi nazzjonali tal-varjetajiet jekk:

(a) hija diġà elenkata fil-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli bħala varjetà differenti minn varjetà ta' konservazzjoni, jew tkun tneħħiet mill-katalgu komuni matul l-aħħar sentejn, jew matul l-aħħar sentejn mill-iskadenza tal-perjodu mogħti skond l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2002/53/KE, jew

(b) hija mħarsa mid-dritt Komunitarju tal-varjetà tal-pjanti kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 ([1]), jew bid-dritt nazzjonali tal-varjetà tal-pjanti, jew l-applikazzjoni għal dritt bħal dan hija pendenti.

*Artikolu 7*

**Denominazzjoni**

1. Fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-varjetajiet ta' konservazzjoni li kienu jafu bihom qabel il-25 ta' Mejju 2000, l-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mir-Regolament (KE) Nru 930/2000, għajr għal meta derogi bħal dawn jiksru drittijiet preċedenti ta' parti terza mħarsa skond l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament.

2. Minkejja l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2002/53/KE, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw aktar minn isem wieħed għal varjetà jekk l-ismijiet huma magħrufa storikament.

*Artikolu 8*

**Reġjun ta' oriġini**

1. Meta Stat Membru jaċċetta varjetà ta' konservazzjoni, dan għandu jidentifika r-reġjun, jew reġjuni, li fl-imgħoddi tkabbret il-varjetà fih u li ġiet adattata b'mod naturali għalih, minn hawn 'il quddiem "reġjun ta' l-oriġini". Għandu jqis ukoll tagħrif minn awtoritajiet ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti għal dak l-għan mill-Istati Membri.

Fejn ir-reġjun ta' l-oriġini jinsab f'aktar minn Stat Membru wieħed, dan għandu jiġi identifikat mill-Istati Membri kollha kkonċernati permezz ta' ftehim komuni.

2. L-Istat Membru jew Stati Membri li jwettqu l-identifikazzjoni tar-reġjun ta' l-oriġini għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-reġjun identifikat.

*Artikolu 9*

**Manutenzjoni**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varjetà ta' konservazzjoni trid tinżamm fir-reġjun ta' l-oriġini tagħha.

KAPITOLU III

**IL-PRODUZZJONI U T-TQEGĦID FIS-SUQ TAŻ-ŻERRIEGĦA**

*Artikolu 10*

**Ċertifikazzjoni**

1. B'deroga mir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni previsti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 66/401/KEE, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/54/KE, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/56/KE u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/57/KE, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li żerriegħa ta' varjetà ta' konservazzjoni tista' titqiegħed fis-suq jekk tkun konformi mal-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Iż-żerriegħa għandha tkun ġejja minn żerriegħa prodotta skond il-prassi mfissra sew għall-manutenzjoni tal-varjetà.

3. Iż-żerriegħa, għajr għaż-żerriegħa *Oryza sativa*, għandha tkun konformi mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ta' żerriegħa ċċertifikata prevista fid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżiti fir-rigward tal-purità minima tal-varjetà u r-rekwiżiti dwar l-eżaminar uffiċjali jew l-eżaminar taħt superviżjoni uffiċjali.

Iż-żerriegħa ta' *Oryza sativa* għandha tkun konformi mar-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ta' "żerriegħa ċċertifikata, it-tieni ġenerazzjoni" prevista fid-Direttiva 66/402/KEE, għajr għar-rekwiżiti fir-rigward tal-purità minima għall-varjetà u r-rekwiżiti dwar l-eżaminar uffiċjali jew l-eżaminar taħt superviżjoni uffiċjali.

Iż-żerriegħa għandu jkollha purità tal-varjetà suffiċjenti.

4. Fir-rigward tal-patata taż-żerriegħa, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2002/56/KE rigward id-daqs ma għandux japplika.

*Artikolu 11*

**Ir-reġjun tal-produzzjoni taż-żerriegħa**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żerriegħa ta' varjetà ta' konservazzjoni tista' tiġi prodotta biss fir-reġjun ta' l-oriġini.

([1]) ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.

Jekk il-kundizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni previsti fl-Artikolu 10(3) ma jistgħux jiġu sodisfatti f'dak ir-reġjun, kawża ta' problema ambjentali speċifika, l-Istati Membri jistgħu japprovaw reġjuni addizzjonali għall-produzzjoni taż-żerriegħa, filwaqt li jqisu tagħrif minn awtoritajiet ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti għal dan l-għan mill-Istati Membri. Madankollu, iż-żerriegħa prodotta f'dawk ir-reġjuni addizzjonali jistgħu jintużaw esklussivament fir-reġjuni ta' l-oriġini.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-reġjuni addizzjonali li beħsiebhom japprovaw għall-produzzjoni taż-żerriegħa skond il-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħrajn jistgħu, fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta jirċievu dawk in-notifiki, jitolbu li l-kwistjoni tiġi riferuta lill-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija. Għandha tittieħed deċiżjoni skond l-Artikolu 22a(1)(b) tad-Direttiva 66/401/KEE, l-Artikolu 22a(1)(b) tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2002/53/KE, l-Artikolu 30(1)(b) tad-Direttiva 2002/54/KE, l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 27(1)(b) tad-Direttiva 2002/56/KE u l-Artikolu 27(1)(b) tad-Direttiva 2002/57/KE, kif xieraq, biex tistipula, jekk meħtieġ, restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet għall-għażla ta' dawn ir-reġjuni.

Jekk la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri ma jagħmlu talba skond it-tieni sottoparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat jista' japprova r-reġjuni addizzjonali għall-produzzjoni taż-żerriegħa kif innotifikat.

*Artikolu 12*

**Ittestjar taż-żerriegħa**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettqu testijiet sabiex ikun ivverifikat li ż-żerriegħa ta' varjetajiet ta' konservazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni previsti fl-Artikolu 10(3).

Testijiet bħal dawn għandhom jitwettqu skond il-metodi internazzjonali attwali, jew, fejn dawn il-metodi ma jeżistux, skond kwalunkwe metodi xierqa.

2. Għat-testijiet msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kampjuni jittieħdu minn ammonti omoġenji. Għandhom jiżguraw li r-regoli dwar il-piż ta' l-ammont u l-piż tal-kampjun previsti fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 66/401/KEE, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2002/54/KE u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2002/57/KE huma applikati.

*Artikolu 13*

**Kundizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li żerriegħa ta' varjetà ta' konservazzjoni tista' titqiegħed fis-suq biss soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ġiet prodotta fir-reġjun ta' l-oriġini tagħha jew f'reġjun imsemmi fl-Artikolu 11;

(b) it-tqegħid fis-suq iseħħ fir-reġjun ta' oriġini tagħha.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(b), Stat Membru jista' jipprovdi reġjuni addizzjonali fit-territorju tiegħu għat-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' varjetà ta' konservazzjoni, dan sakemm dawk ir-reġjuni huma komparabbli mar-reġjun ta' oriġini fir-rigward ta' l-ambjenti naturali u seminaturali ta' dik il-varjetà.

Fejn l-Istati Membri japprovaw reġjuni addizzjonali bħal dawn, għandhom jiżguraw li l-ammont ta' żerriegħa meħtieġa għall-produzzjoni ta' mill-anqas il-kwantità ta' żerriegħa msemmija fl-Artikolu 14 titwarrab biex titħares il-varjetà fir-reġjun ta' oriġini tagħha.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri oħrajn dwar l-approvazzjoni ta' reġjuni addizzjonali bħal dawn.

3. Fejn Stat Membru japprova reġjuni addizzjonali għall-produzzjoni ta' żerriegħa skond l-Artikolu 11, dan ma għandux juża d-deroga prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 14*

**Restrizzjonijiet kwantitattivi**

Kull Stat Membru għandu jiżgura li, għal kull varjetà ta' konservazzjoni, il-kwantità ta' żerriegħa li titqiegħed fis-suq ma taqbiżx 0.5 % taż-żerriegħa ta' l-istess speċi użata f'dak l-Istat Membri fi staġun wieħed ta' tkabbir, jew tal-kwantità meħtieġa biex jinżergħu 100 ettaru, skond liema minnhom tkun l-akbar kwantità. Għall-ispeċi *Pisum sativum, Triticum* spp., *Hordeum vulgare, Zea mays, Solanum tuberosum, Brassica napus* u *Helianthus annuus*, dak il-perċentwali ma għandux jaqbeż 0.3 %, jew il-kwantità meħtieġa biex jinżergħu 100 ettaru, skond liema tkun l-akbar kwantità.

Madankollu, il-kwantità totali ta' żerriegħa ta' varjetajiet ta' konservazzjoni li jitqiegħdu fis-suq f'kull Stat Membru ma għandhiex taqbeż l-10 % taż-żerriegħa ta' l-ispeċi kkonċernata użata kull sena fl-Istat Membru. F'każi fejn dan iwassal għal kwantità anqas minn dik meħtieġa biex jinżergħu 100 ettaru, l-ammont massimu ta' żerriegħa ta' l-ispeċi kkonċernati użat fis-sena fl-Istat Membru jista jiżdied biex jilħaq l-ammont meħtieġ biex jinżergħu 100 ettaru.

*Artikolu 15*

**L-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jinnotifikawhom qabel il-bidu ta' kull staġun ta' produzzjoni bid-daqs u l-lokalità taż-żona għall-produzzjoni taż-żerriegħa.

2. Jekk, skond in-notifiki msemmija fil-paragrafu 1, il-kwantitajiet stipulati fl-Artikolu 14 wisq probabbli jinqabżu, l-Istati Membri għandhom jallokaw lil kull produttur ikkonċernat il-kwantità li jista' jqiegħed fis-suq fl-istaġun ta' produzzjoni rispettiv.

*Artikolu 16*

**Is-sorveljanza tal-ġabra taż-żrieragħ**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw permezz ta' sorveljanza uffiċjali li l-ġabra taż-żerriegħa ta' varjetà ta' konservazzjoni tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni partikolari fuq il-varjetà, il-lokalitajiet tal-produzzjoni taż-żerriegħa u l-kwantitajiet.

*Artikolu 17*

**L-issiġillar ta' pakketti u kontenituri**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li żerriegħa ta' varjetajiet ta' konservazzjoni tista' titqiegħed fis-suq biss f'pakketti u kontenituri magħluqa li juru l-marka tas-siġill.

2. Il-pakketti u kontenituri taż-żerriegħa għandhom jiġu ssiġillati mill-fornitur b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu mingħajr ma jsir dannu lis-sistema tas-siġill jew mingħajr ma titħalla evidenza li xi ħadd bagħbas it-tikketta tal-fornitur, jew il-pakkett jew il-kontenitur.

3. Sabiex ikun żgurat issiġillar skond il-paragrafu 2, is-sistema ta' ssiġillar għandu jkollha ta' l-anqas it-tikketta jew it-twaħħil ta' siġill.

*Artikolu 18*

**It-tikkettar**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pakketti jew kontenituri ta' żerriegħa ta' varjetajiet ta' konservazzjoni jkollhom tikketta tal-fornitur jew nota stampata jew ittimbrata li tinkludi t-tagħrif li ġej:

(a) il-kliem "Regoli u Standards tal-KE";

(b) l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli għat-twaħħil tat-tikketti jew il-marka ta' l-identifikazzjoni tiegħu;

(ċ) is-sena tas-siġill espressa bħala: "issiġillat…" (sena), jew, għajr għal patata taż-żerriegħa, is-sena ta' l-aħħar teħid ta' kampjuni għall-għanijiet ta' l-aħħar ittestjar tal-ġelbin espress bħala: "kampjun…" (sena);

(d) l-ispeċi;

(e) id-denominazzjoni tal-varjetà ta' konservazzjoni;

(f) il-kliem "varjetà ta' konservazzjoni";

(g) ir-reġjun ta' l-oriġini;

(h) fejn ir-reġjun tal-produzzjoni taż-żerriegħa huwa differenti mir-reġjun ta' l-oriġini, l-indikazzjoni tar-reġjun tal-produzzjoni taż-żerriegħa;

(i) in-numru ta' referenza ta' l-ammont mogħti mill-persuna responsabbli għat-twaħħil tat-tikketti;

(j) il-piż nett jew gross iddikjarat, jew, għajr għall-patata taż-żerriegħa, in-numru ta' żrieragħ iddikjarati;

(k) fejn il-piż huwa indikat u fejn jintużaw pestiċidi mrammla, sustanzi ta' pelleting jew addittivi solidi oħrajn, in-natura tat-trattament kimiku jew ta' l-addittiv kif ukoll il-proporzjon approssimattiv bejn il-piż ta' għanqud ta' żerriegħa pura u l-piż totali għandhom ikunu indikati, għajr għall-patata taż-żerriegħa.

*Artikolu 19*

**Kontroll ta' wara uffiċjali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żerriegħa hija soġġetta għal kontroll ta' wara uffiċjali bi spezzjonijiet għal għarrieda biex jivverifikaw l-identità u l-purità tal-varjetà.

KAPITLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 20*

**Ir-rappurtaġġ**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri li joperaw fit-territorju tagħhom jirrappurtaw, għal kull staġun ta' produzzjoni, l-ammont ta' żerriegħa għal kull varjetà ta' konservazzjoni li titqiegħed fis-suq.

L-Istati Membri għandhom jirrapurtaw, fuq talba tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri oħrajn, l-ammont ta' żerriegħa ta' kull varjetà ta' konservazzjoni li jitqiegħed fis-suq fit-territorju tagħhom.

*Artikolu 21*

**Notifika ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti**

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti msemmija fl-Artikoli 5(d), 8(1) u 11(1).

*Artikolu 22*

**Valutazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 4, 13(2), 14 u 15 sal-31 ta' Diċembru 2011.

*Artikolu 23*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009. Għandhom minnufih jibagħtu t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jibgaħtu t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

*Artikolu 24*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 25*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/63/KE

## ta' l-20 ta' Ġunju 2008

## dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 86 (3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 88/301/KEE tas-16 ta' Mejju 1988 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni ([1]) ġiet emendata b'mod sostanzjali ([2]). Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Fl-Istati Membri kollha, it-telekomunikazzjonijiet kienu, kollha jew f'parti, monopolju ta' l-Istat ġeneralment mogħti f'forma ta' drittijiet speċjali jew esklussivi lil korp jew korpi responsabbli milli jipprovdu u joperaw l-infrastruttura ta' *network* u l-provvista ta' servizzi relatati. Dawk id-drittijiet, b'danakollu, ħafna drabi jmorru lil hinn mill-provvista ta' servizzi għall-użu tan-*network* u jestendu għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' l-utenti t-tagħmir tat-terminals għall-konnessjoni man-*network*. L-aħħar deċennji raw żviluppi tekniċi kbar fin-*networks* fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, u l-pass ta' żvilupp kien mgħaġġel b'mod partikolari fil-qasam ta' tagħmir tat-terminals.

(3) L-Istati Membri, bħala reazzjoni għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, irrevedew l-għotjiet tagħhom ta' drittijiet speċjali jew esklussivi fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Iż-żieda kbira f'tipi ta' tagħmir tat-terminals u l-possibbiltà ta' użu multiplu tat-terminals ifisser li l-utenti għandhom ikollhom għażla ħielsa bejn diversi tipi ta' tagħmir disponibbli jekk għandhom jibbenefikaw bis-sħiħ mill-avvanzi teknoloġiċi li seħħew fis-settur.

(4) L-eżistenza tad-drittijiet esklussivi għandha l-effett li tirrestrinġi l-moviment ħieles tat-tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet, kemm rigward l-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' dan it-tagħmir, inkluż it-tagħmir bis-satellita, għaliex ċerti prodotti ma' jitqegħdux fis-suq, kif ukoll rigward il-konnessjoni, id-dħul fis-servizz jew il-manutenzjoni għaliex, meta jitqiesu l-karatterisitiċi tas-suq u b'mod partikolari d-diversità u n-natura teknika tal-prodotti, il-monopolju m'għandux inċentiv biex jipprovdi servizzi relatati mal-prodotti li ma jkunx ikkummerċjalizza jew importa, kif ukoll lanqas biex jallinja l-prezzijiet ma' l-ispejjeż, għaliex ma jkunx hemm theddida ta' kompetizzjoni minn intrapriżi li jkunu ġodda fis-suq. Meta wieħed iqis il-fatt li fil-biċċa l-kbira tas-swieq hemm varjetà kbira ta' tagħmir tat-telekomunikazzjonijiet, kwalunkwe dritt speċjali li direttament jew indirettament jillimita l-għadd ta' intrapriżi awtorizzati li jimpurtaw, iqiegħdu fis-suq, jikkonnettjaw, idaħħlu fis-servizz u jsewwu tagħmir bħal dan, jista' jkollu l-istess xorta ta' effetti bħall-għotja ta' drittijiet esklussivi. Drittijiet esklussivi u speċjali bħal dawn jikkostitwixxu miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għar-restrizzjonijiet kwalitattivi inkompatibbli ma' l-Artikolu 28 tat-Trattat. Huwa għaldaqstant meħtieġ li jiġu aboliti d-drittijiet esklussivi kollha eżistenti fl-importazzjoni, fit-tqegħid fis-suq, fil-konnessjoni, fid-dħul fis-servizz u fil-manutenzjoni tat-tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet, kif ukoll dawk id-drittijiet li għandhom effetti ta' l-istess natura, jiġifieri, dawk id-drittijiet speċjali kollha minbarra dawk li jikkonsistu f'vantaġġi legali jew regolatorji konferiti fuq intrapriża waħda jew aktar u li jaffettwaw biss il-ħila ta' intrapriżi oħra biex jidħlu fl-attivitajiet fuq imsemmija fl-istess żona ġeografika taħt kondizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti.

(5) Id-drittijiet speċjali jew esklussivi dwar it-tagħmir tat-terminals jiġu eżerċitati b'mod illi, fil-prattika, jiżvantaġġjaw apparat minn Stati Membri oħra, notevolment billi ma jħallux lill-utenti jagħżlu b'mod ħieles dak it-tagħmir li l-aħjar jaqdi l-ħtiġijiet tagħhom skond il-prezz u l-kwalità, irrispettivament mill-oriġini tiegħu. Għalhekk l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet mhux kompatibbli ma' l-Artikolu 31 tat-Trattat fl-Istati Membri kollha.

(6) Il-provvista ta' servizzi ta' installazzjoni u manutenzjoni tat-tagħmir huwa fattur prinċipali fix-xiri jew kiri ta' dan it-tagħmir. Iż-żamma ta' drittijiet esklussivi f'dan il-qasam huwa ekwivalenti għaż-żamma ta' drittijiet esklussivi fit-tqegħid fis-suq. Dawn id-drittijiet għandhom għalhekk jitneħħew sabiex it-tneħħija tad-dritt ta' l-importazzjoni esklussiva u drittijiet tat-tqegħid fis-suq ikollha effett prattiku.

(7) Il-manutenzjoni tat-tagħmir tat-terminals huwa servizz skond it-tifsira ta' l-Artikolu 50 tat-Trattat. Is-servizz inkwistjoni, li mil-lat kummerċjali huwa ħaġa waħda mat-tqegħid fis-suq tat-tagħmir tat-terminals, għandu jiġi pprovdut liberament skond l-Artikolu 49 tat-Trattat u b'mod partikolari meta jiġi pprovdut minn persunal kwalifikat.

([1]) ĠU L 131, 27.5.1988, p. 73. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 94/46/KE (ĠU L 268, 19.10.1994, p. 15).

([2]) Ara l-Anness II, Parti A.

(8) Is-sitwazzjoni tas-swieq tkompli tipproduċi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni stipulati bit-Trattat. Minbarra dan, l-iżvilupp tal-kummerċ qed ikun affettwat b'tali mod li dan ikun kuntrarju għall-interessi tal-Komunità. Kompetizzjoni aktar b'saħħitha fis-suq tat-tagħmir tat-terminals teħtieġ l-introduzzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi trasparenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali msemmija fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/5/KE tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom ([1]) u jippermettu l-moviment ħieles tat-tagħmir tat-terminals. Min-naħa tagħha, din it-trasparenza neċessarjament tirrikjedi l-pubblikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi.

(9) Id-drittijiet speċjali jew esklussivi għall-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq tat-tagħmir tat-terminals bħal dawn iġibu sitwazzjoni li hija kuntrarja għall-iskop ta' l-Artikolu 3(g) tat-Trattat, li jipprovdi għall-istituzzjoni ta' sistema li ma tippermettix id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern, u teħtieġ bilfors li ma tiġix eliminata l-kompetizzjoni. L-Istati Membri għandhom l-obbligu skond l-Artikolu 10 tat-Trattat, li jastjenu minn kull miżura li tista' tipperikola l-kisba ta' l-iskopijiet tat-Trattat, inkluż l-Artikolu 3(g). Id-drittijiet esklussivi għat-tagħmir tat-terminals għandhom għalhekk jitqiesu bħala inkompatibbli ma' l-Artikolu 82 tat-Trattat flimkien ma' l-Artikolu 3, u l-għotja jew iż-żamma ta' dawn id-drittijiet minn Stat Membru hija pprojbita taħt l-Artikolu 86(1) tat-Trattat.

(10) Sabiex l-utenti jkollhom aċċess għat-tagħmir tat-terminals ta' l-għażla tagħhom, huwa meħtieġ li jkunu magħrufa u magħmula b'mod trasparenti l-karatteristiċi ta' l-*interface* tan-*network* pubbliku li magħhom ikunu ser jiġu mqabbda t-tagħmir tat-terminals. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li l-karatteristiċi jiġu ppubblikati u li l-utenti jkollhom aċċess għall-*interface* tan-*network* pubbliku.

(11) Biex ikunu jistgħu jqiegħdu fis-suq it-tagħmir tat-terminals tagħhom, il-fabbrikanti għandhom ikunu jafu liema speċifikazzjonijiet tekniċi jridu jissodisfaw il-prodotti tagħhom. L-Istati Membri għandhom għalhekk jifformalizzaw u jippubblikaw l-ispeċifikazzjonijiet, u għandhom jgħarrfuhom lill-Kummissjoni f'forma ta' abbozz, skond id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni ([2]). Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu estiżi għall-prodotti importati minn Stati Membri oħra biss safejn ikunu meħtieġa sabiex jiżguraw konformità mar-rekwiżiti essenzjali speċifikati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 1999/5/KE li jistgħu jkunu meħtieġa leġittimament skond il-liġi tal-Komunità. L-Istati Membri għandhom, f'kull każ, iħarsu l-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat, li jirrikjedu illi Stat Membru li qiegħed jimporta għandu jippermetti li tagħmir tat-terminals manifatturat legalment u mqiegħed fis-suq fi Stat Membru ieħor, jiġi importat fit-territorju tiegħu.

(12) Sabiex tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet jiġu applikati b'mod trasparenti, oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni, is-sorveljanza kontinwa ta' l-applikazzjoni tagħhom ma tistax tithalla f'idejn kompetitur fis-suq tat-tagħmir tat-terminals minħabba konflitt ovvju ta' interessi. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw illi l-kontroll jingħata lil entita' indipendenti ta' l-operatur tan-*network* u ta' kull kompetitur ieħor fis-suq fil-kwistjoni.

(13) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(1) "tagħmir tat-terminals":

(a) ifisser tagħmir direttament jew indirettament konness ma' l-*interface* ta' *network* tat-telekomunikazzjoni pubblika sabiex jibgħat, jipproċessa jew jirċievi informazzjoni; f'kull każ, direttament jew indirettament, il-konnessjoni tista' ssir bil-wajer, fibra ottika jew b'mod elettromanjetiku; konnessjoni hija indiretta jekk jitqiegħed tagħmir bejn it-terminal u l-*interface* tan-network;

(b) tagħmir ta' stazzjon terrestri bis-satellita;

(2) "tagħmir ta' stazzjon terrestri bis-satellita" tfisser it-tagħmir kollu li jkun kapaċi biex jiġi użat għat-trasmissjoni (trasmissjoni biss), għat-trasmissjoni u r-riċeviment (trasmissjoni/riċeviment), jew għar-riċeviment biss (riċeviment biss) tas-sinjali ta' radjukomunikazzjoni permezz tas-satelliti jew sistemi oħra bbażati fuq l-ispazju;

(3) "intrapriża" tfisser korp pubbliku jew privat, li jiġi mogħti minn Stat Membru drittijiet speċjali jew esklussivi għall-implimentazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-kollegament, it-tqegħid fis-servizz ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni jew manutenzjoni ta' dan it-tagħmir;

([1]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).

(4) "drittijiet speċjali" tfisser drittijiet li jingħataw minn Stat Membru lil għadd limitat ta' intrapriżi, permezz ta' strument leġislattiv, regolatorju jew amministrattiv, li, f'ċerta żona ġeografika,

(a) jillimita għal tnejn jew aktar l-għadd ta' intrapriżi bħal dawn, b'mod ieħor milli skond kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, jew

(b) jinnomina, b'mod ieħor milli skond il-kriterji msemmija fil-punt (a), bosta intrapriżi li jikkompetu, jew

(ċ) jikkonferixxi fuq kwalunkwe intrapriża jew intrapriżi, b'mod ieħor milli skond il-kriterji msemmija fil-punt (a) u (b), il-vantaġġi legali u regolatorji kollha li sostanzjalment jaffettwaw il-ħila ta' kull intrapriża oħra li timporta, tqiegħed fis-suq, tikkonnettja, iddaħħal fis-servizz u/jew tqiegħed fis-servizz tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet fl-istess żona ġeografika taħt kondizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri li taw drittijiet speċjali jew drittijiet esklussivi lill-intrapriżi għandhom jassiguraw li d-drittijiet esklussivi kollha jiġu rtirati, kif ukoll dawk id-drittijiet speċjali li:

(a) jillimitaw għal tnejn jew aktar l-għadd ta' l-intrapriżi b'mod ieħor milli skond kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, jew

(b) jinnominaw, b'mod ieħor milli skond il-kriterji msemmija fil-punt (a), bosta intrapriżi li jikkompetu.

Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda u l-abbozzi ta' leġislazzjoni introdotti għal dak il-għan.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-operaturi ekonomiċi jkollhom id-dritt li jimportaw, iqiegħdu fis-suq, jikkonnettjaw, iqiegħdu fis-servizz u jagħmlu manutenzjoni fuq tagħmir tat-terminals.

Minkejja dan, l-Istati Membri jistgħu:

(a) fil-każ ta' tagħmir ta' stazzjon terrestri bis-satellita, jirrifjutaw li jippermettu li dan it-tagħmir jiġi konness man-*network* pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet jew jinġieb fis-servizz fejn dan ma jissodisfax ir-regolamenti tekniċi komuni adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE jew, fl-assenza tiegħu, il-ħtieġa essenzjali stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva; fl-assenza ta' regoli tekniċi komuni jew ta' kondizzjonijiet regolatorji armonizzati, ir-regoli nazzjonali għandhom ikunu proporzjonati ma' dawk il-ħtiġiet essenzali u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skond id-Direttiva 98/34/KE fejn id-Direttiva hekk titlob;

(b) fil-każ ta' tagħmir ieħor tat-terminals, jirrifjutaw li jippermettu li dan it-tagħmir jiġi konness man-*network* pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet fejn dan it-tagħmir ma jissodisfax ir-regolamenti komuni relevanti adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE jew, fl-assenza tiegħu, il-ħtiġiet essenzali stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik di-Direttiva;

(ċ) jirrikjedu operaturi ekonomiċi li jkollhom fil-pussess tagħhom kwalifika teknika approprjata sabiex jikkonnettjaw, iqiegħdu fis-servizz u jagħmlu manutenzjoni fuq tagħmir tat-terminals fuq bażi ta' kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji u disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jaraw li l-utenti jkollhom aċċess għal punti ġodda ta' *interfaces* pubbliċi u li l-karatteristiċi fiżiċi ta' dawn il-punti jiġu ppubblikati mill-utenti tan-*network* pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-ispeċifikazzjonijiet għal tagħmir tat-terminals jiġu formalizzati u ppubblikati.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'forma ta' abbozz lill-Kummissjoni skond id-Direttiva 98/34/KE.

*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljanza ta' l-applikazzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 tiġi delegata lill-korp li jkun indipendenti mill-intrapriżi pubbliċi jew privati li joffri oġġetti u/jew servizzi fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet.

*Artikolu 7*

Fl-aħħar ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni rapport li jippermettilha li tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2, 3, u 6 humiex qed jiġu mħarsa.

Sinopsis tar-rapport jinstab fl-Anness I.

*Artikolu 8*

Id-Direttiva 88/301/KEE, kif emendata mid-Direttiva mniżżla fl-Anness II, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 9*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 10*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 20 ta’ Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Sinopsi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 7**

**Implimentazzjoni ta' l-Artikolu 2**

Tagħmir tat-terminals li għalih qiegħda tiġi jew ġiet modifikata l-leġislazzjoni.

Skond il-kategorija tat-tagħmir tat-terminals:

— data ta' adozzjoni tal-miżura jew

— data ta' l-introduzzjoni ta' l-abbozz jew

— data tad-dħul fis-seħħ tal-miżura.

**Implimentazzjoni ta' l- Artikolu 3**

— tagħmir tat-terminals, li l-kollegament u/jew it-tqegħid fis-servizz tiegħu kien limitat,

— kwalifiki tekniċi meħtieġa, waqt li tingħata referenza tal-pubblikazzjoni tagħhom.

**Implimentazzjoni ta' l-Artikolu 4**

— referenza ta' pubblikazzjoni li fihom jiġu speċifikati l-karatteristiċi,

— għadd ta' punti ta' l-interface ta' netwerks pubbliċi eżistenti,

— għadd ta' punti ta' l-interface ta' netwerks pubbliċi emendati.

**L-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 6**

— ħatra tal-korp jew korpi indipendenti.

*ANNESS II*

PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma' l-emendi tagħha**

(imsemmi fl-Artikolu 8)

Direttiva tal-Kummissjoni 88/301/KEE (ĠU L 131, 27.5.1988, p. 73)

Direttiva tal-Kummissjoni 94/46/KE (ĠU L 268, 19.10.1994, p. 15)

PARTI B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

(imsemmi fl-Artikolu 8)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 88/301/KEE | — |
| 94/46/KE | 8 ta' Awwissu 1995 |

*ANNESS III*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Direttiva 88/301/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1, kliem tal-bidu | Artikolu 1, kliem tal-bidu |
| Artikolu 1, l-ewwel inċiż, l-ewwel u t-tieni frażi | Artikolu 1(1)(a) |
| Artikolu 1, l-ewwel inċiż, l-aħħar frażi | Artikolu 1 (1)(b) |
| Artikolu 1, it-tieni inċiż | Artikolu 1(3) |
| Artikolu 1, it-tielet inċiż, kliem tal-bidu | Artikolu 1(4), kliem tal-bidu |
| Artikolu 1, it-tielet inċiż, l-ewwel sub-inċiż | Artikolu 1(4)(a) |
| Artikolu 1, it-tielet inċiż, it-tieni sub-inċiż | Artikolu 1(4)(b) |
| Artikolu 1, it-tielet inċiż, it-tielet sub-inċiż | Artikolu 1(4)(ċ) |
| Artikolu 1, ir-raba' inċiż | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3, l-ewwel frażi | Artikolu 3, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 3, it-tieni frażi | Artikolu 3, it-tieni paragrafu, kliem tal-bidu |
| Artikolu 3, l-ewwel inċiż | Artikolu 3, it-tieni paragrafu, punt (a) |
| Artikolu 3, it-tieni inċiż | Artikolu 3, it-tieni paragrafu, punt (b) |
| Artikolu 3, it-tielet inċiż | Artikolu 3, it-tieni paragrafu, punt (ċ) |
| Artikolu 4, l-ewwel paragrafu | Artikolu 4 |
| Artikolu 4, it-tieni paragrafu | — |
| Artikolu 5(1) | — |
| Artikolu 5(2), l-ewwel frażi | Artikolu 5, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 5(2), it-tieni frażi | Artikolu 5, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Artikolu 8 | — |
| Artikolu 9 | Artikolu 7 |
| Artikolu 10 | — |
| — | Artikolu 8 |
| — | Artikolu 9 |
| Artikolu 11 | Artikolu 10 |
| Anness I | — |
| Anness II | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

# DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI Nru 586/2008/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-17 ta' Ġunju 2008**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tistabbilixxi regoli komuni dwar ir-rikonoxximent unilaterali min-naħa ta' l-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein li jippermettu reġim semplifikat għall-kontroll fuq il-fruntieri esterni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dawn id-dokumenti.

(2) Minħabba l-implimentazzjoni f'żewġ stadji ta' l-acquis ta' Schengen, l-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 kienu meħtieġa, minn dik id-data, li joħorġu viżi nazzjonali lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, detenturi ta' permess ta' residenza maħruġ mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein, li jkunu suġġetti għal obbligu ta' viża skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa ([3]). Dak l-obbligu ħoloq piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq il-konsolati ta' dawk l-Istati Membri fl-Iżvizzera u fil-Liechtenstein.

(3) Madankollu, ma deherx li kien hemm għalfejn li l-Istati Membri jeħtieġu li dik il-kategorija ta' persuni jkollhom viża għall-finijiet ta' tranżitu, billi jirrappreżentaw riskju baxx ta' immigrazzjoni illegali għall-Istati Membri.

(4) Meta wieħed iqis li l-istess raġunament japplika għall-Bulgarija u għar-Rumanija, ir-reġim semplifikat introdott permezz tad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE għandu jkun estiż għall-Bulgarija u għar-Rumanija.

(5) Tali emenda magħmula lid-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE, għandha tippermetti lill-Bulgarija u r-Rumanija, jekk jiddeċiedu li japplikaw id-Deċiżjoni Nru 582/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, minn Ċipru u mir-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwilaventi għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom ([4]), biex jirrikonoxxu unilateralment il-permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein, li ġew elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE bħala ekwivalenti għall-viżi ta' tranżitu nazzjonali tagħhom.

(6) Ir-rikonoxximent għandu jkun limitat għall-fini ta' tranżitu mit-territorju tal-Bulgarija u tar-Rumanija u m'għandux jaffetwa l-possibbiltà li dawk iż-żewġ Stati Membri joħorġu viżi għal soġġorn qasir.

(7) Il-possibbiltà li l-Bulgarija u r-Rumanija ma japplikawx id-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE għandha tkun limitata għall-perjodu tranżitorju sa data li għandha tkun iddeterminata mill-Kunsill, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2008.
([2]) ĠU L 167, 20.6.2006, p. 8.
([3]) ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1932/2006 (ĠU L 405, 30.12.2006, p. 23).
([4]) ĠU L 161, 20.6.2008, p. 30.

(8) Il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (1) iridu jiġu sodisfatti, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(b) tiegħu, sa fejn din id-Deċiżjoni tistabbilixxi reġim ta' ekwivalenza bejn il-viżi ta' tranżitu maħruġa mill-Bulgarija u mir-Rumanija u ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein.

(9) Ladarba l-għan ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri billi jaffetwa direttament l-acquis Komunitarju dwar il-fruntieri esterni u għalhekk, minħabba raġuni ta' skala u ta' effett ta' l-azzjoni, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(10) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (2), li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1 punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE fis-17 ta' Mejju 1999 (3) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(11) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka m'hijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta minnha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, konformement ma' l-Artikolu 5 tal-Protokoll imsemmi, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni jekk hijiex se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(12) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit m'huwiex jieħu sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi wħud mid-disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen (4); ir-Renju Unit għaldaqstant m'huwiex jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u m'huwiex marbut minnha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(13) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen (5). L-Irlanda għaldaqstant m'hijiex tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u m'hijiex marbuta minnha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE:

"Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija jiddeċiedu li japplikaw id-Deċiżjoni Nru 582/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, minn Ċipru u mir-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwilaventi għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom (*), jistgħu jirrikonoxxu b'mod unilaterali l-permessi ta' residenza li ġew elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali ta' tranżitu sa data li għandha tkun iddeterminata mill-Kunsill, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005.

(*) ĠU L 161, 20.6.2008, p. 30.".

*Artikolu 2*

Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija jiddeċiedu li japplikaw id-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE, għandhom jinnotifikaw b'dan lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni komunikata minnhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(1) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
(2) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
(3) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
(4) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
(5) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Strasburgu, 17 ta' Ġunju 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-5 ta' Ġunju 2008**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE bi qbil mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba**

(2008/469/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju sod [1], u b'mod partikulari l-punt 26 tagħha,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea [2],

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) l-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta minn diżastri.

(2) il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' biljun Ewro.

(3) ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mmobilizzat.

(4) il-Greċja ssottomettiet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba diżastru kkawżat minn nirien fil-foresti f'Awissu ta' l-2007,

(5) is-Slovenja ssottomettiet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, minħabba diżastru kkawżat minn għargħar f'Settembru ta' l-2007,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' 98 023 212 EUR f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, 5 ta' Ġunju 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

(1) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Il-Ftehim kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni 2008/371/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 128, 16.5.2008, p. 8).
(2) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-7 ta' Mejju 2008**

**dwar il-projbizzjoni provviżorja ta' l-użu u l-bejgħ fl-Awstrija ta' qamħirrum modifikat ġenetikament (*Zea mays* L. linja T25) skond id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1715)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/470/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/293/KE tat-22 ta' April 1998 rigward it-tqegħid fis-suq ta' qamħirrum modifikat ġenetikament (*Zea mays* L. linja T25), skond id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ([2]) ġie deċiż li jingħata l-kunsens għat-tqegħid fis-suq ta' dak il-prodott.

(2) Fit-3 ta' Awwissu 1998 l-awtoritajiet Franċiżi taw dan il-kunsens. Dan il-kunses ikopri l-użi kollha tal-prodott, jiġifieri l-importazzjoni, l-ipproċessar f'i prodotti ta' l-ikel u ta' l-għalf, kif ukoll il-kultivazzjoni.

(3) Skond l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2001/18/KE li ssostitwixxiet id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ([3]), proċeduri rigward notifiki dwar it-tqegħid fis-suq ta' organiżmi modifikati ġenetikament li jkunu għadhom ma ġewx kompletati sas-17 ta' Ottubru 2002 huma suġġetti għad-Direttiva 2001/18/KE.

(4) Fit-8 ta' Mejju 2000 l-Awstrija għarrfet il-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li tipprojbixxi provviżorjament l-użu u l-bejgħ taż-*Zea mays* L. linja T25 u tat raġunijiet għal dik id-deċiżjoni skond l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 90/220/KEE.

(5) Il-prodotti dderivati miż-*Zea mays* L. linja T25 (il-lamtu u d-derivattivi kollha tiegħu, żejt mhux ipproċessat u rfinut, il-prodotti kollha pproċessati bis-sħana jew fermentati miksuba miż-*Zea mays* L. linja T25) huma awtorizzati skond ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Dawn l-użi mhumiex suġġetti għall-klawżola ta' salvagwardja nnotifikata mill-Awstrija.

(6) Il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti kkonkluda fl-20 ta' Lulju 2001 li l-informazzjoni mressqa mill-Awstrija ma kkostitwietx prova xjentifika ġdida rilevanti li ma kenitx tqieset matul il-valutazzjoni oriġinali tal-fajl u li kieku kienet tagħti lok għal reviżjoni ta' l-opinjoni oriġinali ta' dak il-Kumitat dwar dan il-prodott.

(7) Fid-9 ta' Jannar 2004, kif ukoll fid-9 u s-17 ta' Frar 2004, l-Awstrija ppreżentat lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali biex issostni l-miżuri nazzjonali dwar il-linja tal-qamħirrum T25.

([1]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/27/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 45).

([2]) ĠU L 131, 5.5.1998, p. 30.

([3]) ĠU L 117, 8.5.1990, p. 15. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/35/KE (ĠU L 169, 27.6.1997, p. 72).

([4]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([5]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 298/2008 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 64).

(8) Skond l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2001/18/KE, il-Kummissjoni kkonsultat ma' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari (EFSA), kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), skond limea Regolament issostitwiet il-kumitati xjentifiċi rilevanti.

(9) Fit-8 ta' Lulju 2004 ([2]), l-EFSA kkonkludiet li l-informazzjoni mressqa mill-Awstrija ma tikkostitwix prova xjentifika ġdida suffiċjenti biex tinvalida l-valutazzjoni tar-riskji għall-ambjent tal-linja tal-qamħirrum T25 u li għalhekk tiġġustifika l-projbizzjoni ta' l-użu u l-bejgħ ta' dan il-prodott fl-Awstrija.

(10) Billi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, m'hemm l-ebda raġuni sabiex il-prodott jitqies bħala riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, il-Kummissjoni, fid-29 ta' Novembru 2004, ressqet abbozz ta' Deċiżjoni, li titlob lill-Awstrija tirrevoka l-miżura ta' salvagwardja provviżorja tagħha, sabiex titqies mill-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/18/KE, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) ta' dik id-Direttiva.

(11) Madankollu, dak il-Kumitat ma tax opinjoni u, skond l-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([3]), il-Kummissjoni ressqet proposta lill-Kunsill dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu.

(12) Fl-24 ta' Ġunju 2005, skond l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, ma laqax din il-proposta.

(13) Il-Kunsill, fid-dikjarazzjoni tiegħu, stqarr li "għad hemm xi grad ta' inċertezza fir-rigward tal-miżuri nazzjonali ta' salvagwardja fis-suq tal-varjetà ta' qamħirrum modifikat ġenetikament T25", u sejjaħ lill-Kummissjoni sabiex "tiġbor evidenza oħra dwar l-OMĠ kkonċernat u tivvaluta ulterjorment jekk il-miżura meħuda mill-Awstrija mmirata biex tissospendi bħala miżura temporanja ta' prekawzjoni t-tqegħid fis-suq tiegħu hijiex ġustifikata u, jekk l-awtorizzazzjoni ta' organiżmu bħal dan għadux jissodisfa r-rekwiżiti tas-sikurezza tad-Direttiva 2001/18/KE".

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2008 (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 17).

([2]) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar Organiżmi Modifikati Ġenetikament dwar it-talba mill-Kummissjoni rigward l-invokazzjoni Awstrijaka ta' l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2001/18/KE, Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2004) 78, 1-13.

([3]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendat bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(14) F'Novembru ta' l-2005, l-EFSA ġiet ikkonsultata għal darb'oħra mill-Kummissjoni dwar jekk hemmx xi raġuni xjentifika għala l-issuktar tat-tqegħid fis-suq tal-qamħirrum T25 kien probabbli li jikkawża effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent skond il-kundizzjonijiet tal-kunsens. B'mod partikolari, L-EFSA ntalbet tqis kwalunkwe informazzjoni xjentifika oħra li ħarġet sussegwentement għall-opinjonijiet xjentifiċi preċendenti dwar is-sikurezza ta' dan l-OMĠ.

(15) Fl-opinjoni tagħha tad-29 ta' Marzu 2006 ([4]), l-EFSA kkonkludiet li mhemm l-ebda raġuni għala l-issuktar tat-tqegħid fis-suq tal-qamħirrum T25 huwa probabbli li jikkawża effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew għall-ambjent skond il-kundizzjonijiet tal-kunsens tagħha.

(16) Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/468/KE, il-Kummissjoni ressqet proposta lill-Kunsill bit-talba li l-Awstrija tirrevoka l-miżura ta' salvagwardja tagħha.

(17) Skond l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kunsill ta' l-Ambjent, fit-18 ta' Diċembru 2006, indika l-oppożizzjoni tiegħu għall-proposta, b'maġġoranza kwalifikata.

(18) Fid-Deċiżjoni tiegħu, il-Kunsill irrefera għall-istima ta' impatt kif tipprovdi d-Direttiva 2001/18/KE, u unidka li "d-diversi strutturi agrikoli u karatteristiċi ekoloġiċi reġjonali fl-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jitqiesu b'mod aktar sistematiku fl-istima tar-riskju ambjentali".

(19) Skond l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni ressqet proposta emendata biex tqis id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tirreferi biss għall-aapsetti ambjentali tal-klawżola ta' salvagwardja Awstrijaka, jiġifieri l-aspetti tal-kultivazzjoni.

(20) L-Awstrija bdiet il-ħidma biex tiġbor kwalunkwe evidenza xjentifika rilevanti dwar dawn l-aspetti, li fil-fehma ta' l-Awstrija proviżorjament jiġġustifika ż-żamma tal-klawżola ta' salvagwardja, partikolarment b'referenza għad-'diversi strutturi agrikoli u karatteristiċi ekoloġiċi reġjonali' kif indikat fil-premessa 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija. Skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2001/18/KE, l-Awstrija hija mistiedna tagħti lill-Kummissjoni kull evidenza xjentifika li ġabret, kif ukoll kwalunkwe valutazzjoni tar-riskju ġdida hekk kif titlesat, u tgħarraf b'dan lill-Istati Membri kollha.

([4]) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar Organiżmi Modifikati Ġenetikament dwar it-talba mill-Kummissjoni rigward għelejjel modifikati ġenetikament (Bt176 qamħirrum, MON810 qamħirrum, T25 qamħirrum, Topas 19/2 żrieragħ tal-lift u Ms1xRf1 żrieragħ tal-lift) suġġetta għall-klawżoli ta' salvagwardja invokati skond l-Artikolu 16 tad-Direttiva 90/220/KEE, il-Ġurnal ta' l-EFSA (2006) 338, 1-15.

(21) Abbażi tas-sottomissjoni ta' l-Awstrija kif ukoll tal-valutazzjoni xjentifika tagħha, il-Kummissjoni sejra taġixxi skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2001/18/KE fuq dawn l-aspetti tal-miżura Awstrijaka.

(22) L-aspetti li jorbtu ma' l-ikel u l-għalf taż-*Zea mays* L. linja T25 kopert mill-kunsens mogħti skond id-Direttiva 90/220/KEE (inklużi l-importazzjoni u l-ipproċessar) huma identiċi fi ħdan l-Ewropa kollha kemm hi u ġew evalwati mill-EFSA, li kkonkludiet li dan il-prodott mhuwiex probabbli li jikkawża effetti ħżiena għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali.

(23) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni jidhrilha li l-proposta għandha tiġi emendata biex tqis biss l-aspetti relatati ma' l-ikel u l-għalf tal-projbizzjoni Awstrijaka, jiġifieri l-projbizzjoni ta' l-importazzjoni u l-ipproċessar ta' ħbub mhux ipproċessati bħala materjali ta' sors għal ipproċessar ulterjuri, jew għall-użu dirett fl-ikel u l-għalf.

(24) F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Awstrija għandha tħassar il-miżuri ta' salvagwardja tagħha, talanqas fir-rigward l-importazzjoni u l-ipproċessar f'ikel u f'għalf taż-*Zea mays* L. linja T25.

(25) Il-miżuri pprovduti b'din id-Deċiżjoni mhumiex konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/18/KE u l-Kummissjoni għaldaqstant ressqet proposta relatata ma' dawn il-miżuri quddiem il-Kunsill. Ġaladarba li, sa l-iskadenza tal-perjodu stipulat fl-Artikolu 30(2) tad-Direttiva 2001/18/KE, il-Kunsill la kien adotta l-miżuri proposti u lanqas ma indika l-oppożizzjoni tiegħu għalihom, skond l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri meħuda mill-Awstrija biex tipprojbixxi l-importazzjoni u l-ipproċessar fi prodotti ta' l-ikel u ta' l-għalf taż-*Zea mays* L. linja T25, awtorizzat għat-tqegħid fuq is-suq bid-Deċiżjoni 98/293/KE, mhumiex ġustifikati skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2001/18/KE.

*Artikolu 2*

L-Awstrija għandha tieħu l-passi neċessarji biex ittemm il-projbizzjoni ta' l-importazzjoni u l-ipproċessar fi prodotti ta' l-ikel u ta' l-għalf taż-*Zea mays* L. linja T25, sa mhux aktar tard minn 20 jum min-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' l-Awstrija.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Stavros DIMAS
*Membru tal-Kummissjoni*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# KUMMISSJONI

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-30 ta’ Mejju 2008**

**dwar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: Trikloroetilene, Benżin, u 2-methoxy-2-methylbutane (TAME)**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2271)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/471/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta’ Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta’ sustanzi eżistenti [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 is-sustanzi li ġejjin kienu identifikati bħala sustanzi ta’ prijorità li jeħtieġu valutazzjoni skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1179/94 [2] u (KE) Nru 2364/2000 [3] li jikkonċernaw rispettivament l-ewwel u r-raba’ lista ta’ sustanzi ta’ prijorità kif previst fir-Regolament (KEE) Nru 793/93

— Trikloroetilene,

— Benżin,

— 2-methoxy-2-methylbutane (TAME).

(2) L-Istati Membri rapporteur maħtura skond dawk ir-Regolamenti temmew l-attivitajiet tal-valutazzjoni tar-riskju għalll-bniedem u għall-ambjent għal dawk is-sustanzi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta’ Ġunju 1994 li jistipula l-prinċipji għal studju dwar ir-riskji lill-bniedem u l-ambjent ta’ materjali eżistenti [4] skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93.

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (SCTEE) u l-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent (SCHER) kienu kkonsultati u ħarġu opinjonijiet dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju li saru mir-rapporteurs. L-opinjonijiet ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kumitati Xjentifiċi.

(4) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u aktar riżultati ta’ l-istrateġiji biex ikunu limitati r-riskji huma stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni [5] korrispondenti.

(5) Abbażi ta’ dik il-valutazzjoni, huwa xieraq li jkunu rakkomandati ċerti miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għal ċerti sustanzi.

(1) ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
(2) ĠU L 131, 26.5.1994, p. 3.
(3) ĠU L 273, 26.10.2000, p. 5.
(4) ĠU L 161, 29.6.1994, p. 3.
(5) ĠU C 157, 21.6.2008, p. 1.

(6) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju rakkomandati għall-ħaddiema għandhom ikunu kkunsidrati fi ħdan il-qafas tal-leġislazzjoni għall-protezzjoni tal-ħaddiema, meqjusa li tipprovdi qafas xieraq biex jiġu limitati r-riskji tas-sustanzi rilevanti sa fejn meħtieġ.

(7) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li għalihom tipprovdi din ir-rakkomandazzjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93,

B'DAN TIRAKKOMANDA:

TAQSIMA 1

**TRIKLOROETILENE**

*(CAS Nru 79-01-6; Einecs Nru 201-167-4)*

**Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għall-ħaddiema (1)**

(1) Ftehim Volontarju għandu jkun ikkunsidra ma' l-Assoċjazzjoni Ewropea tas-Solventi Klorinati f'isem il-produtturi Ewropej tas-sustanza, id-distributuri u l-konsumaturi tagħhom, jillimita l-bejgħ tas-sustanza għax-xerrejja li jikkonformaw mal-Karta għall-użu sikur tat-trikloroetilene fit-tindif tal-metall. Din il-Karta tirrikjedi li l-utenti jistgħu jużaw it-trikloroetilene għat-tindif tal-metall f'sistemi siġillati jew magħluqin biss kif definit fil-Parti 4 ta' l-Istandard Ewropew EN 12921, u huwa soġġett għal monitoraġġ ta' konformità minn partijiet terzi.

TAQSIMA 2

**BENŻIN**

*(CAS Nru 71-43-2; Einecs Nru 200-753-7)*

**Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għall-ambjent (2, 3, 4, 5)**

(2) Għall-eliminazzjoni ta' riskji potenzjali għall-impjanti ta' l-ilma ta' skart industrijali f'siti ta' produzzjoni u/jew ipproċessar huwa rakkomandat li: L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati jistipulaw, fil-permessi maħruġa skond id-Direttiva tal-Kunsill 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] (Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis), kundizzjonijiet, valuri tal-limitu għall-emissjonijiet jew parametri ekwivalenti jew il-miżuri tekniċi dwar il-benżin sabiex joperaw skond l-aqwa metodi disponibbli, b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tekniċi ta' l-installazzjonijiet ikkonċernati, il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u l-kundizzjonijiet ambjentali lokali.

(3) L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-BAT rigward il-benżin u jirrapportaw kwalunkwe żvilupp importanti lill-Kummissjoni fil-qafas ta' l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-BAT.

(4) Biex ikunu ffaċilitati l-ħruġ tal-permessi u l-monitoraġġ skond id-Direttiva 2008/1/KE (Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis) il-benżin għandu jiġi inkluż fil-ħidma li għaddejja bħalissa biex tiġi żviluppata gwida dwar "l-Aqwa Metodi Disponibbli" (BAT).

(5) L-esponiment tal-mikro-organiżmi fl-ilma ta' skart industrijali għandu, fejn meħtieġ, ikun ikkontrollat minn regoli nazzjonali biex jiżguraw li ma jkun mistenni l-ebda riskju għall-mikro-organiżmi u għall-ambjent.

TAQSIMA 3

**2-METHOXY-2-METHYLBUTANE (TAME)**

*(CAS Nru 994-05-8; Einecs Nru 213-611-4)*

**Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għall-ambjent (6-11)**

(6) Il-prevenzjoni ta' kull input antropoġeniku, inkluż it-TAME, fl-ilma ta' taħt l-art hija għan ewlieni fil-leġislazzjoni Komunitarja [2] attwali. Għalhekk huwa rakkomandat li l-programmi ta' monitoraġġ jitwettqu, fejn xieraq, sabiex jippermettu l-osservazzjoni minn kmieni ta' ilma ta' taħt l-art ikkontaminat mit-TAME.

(7) Huwa rakkomandat ukoll li l-aqwa metodi disponibbli jiġu applikati b'mod wiesa' għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' tiħżin tal-petrol taħt l-art u faċilitajiet ta' distribuzzjoni fl-istazzjonijiet ta' servizz. F'dan ir-rigward l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw rekwiżiti mandatarji speċjalment għal stazzjonijiet ta' servizz f'żoni ta' riforniment ta' l-ilma tal-pjan.

(8) L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati, fil-permessi maħruġa taħt id-Direttiva 2008/1/KE, għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet, valuri tal-limitu għall-emissjonijiet jew parametri ekwivalenti jew il-miżuri tekniċi dwar it-TAME sabiex l-installazzjonijiet ikkonċernati joperaw skond l-aqwa metodi disponibbli (BAT) waqt li jikkunsidraw il-karatteristiċi tekniċi ta' l-installazzjonijiet ikkonċernati, il-pożiżżjoni ġeografika u l-kundizzjonijiet ambjentali lokali tagħhom.

(9) L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-BAT rigward it-TAME u jirrapportaw kwalunkwe żvilupp importanti lill-Kummissjoni fil-qafas ta' l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-BAT.

(10) L-emissjonijiet lokali fl-ilma tal-wiċċ għandhom, fejn ikun meħtieġ, ikunu kkontrollati minn regoli nazzjonali biex jiżguraw li ma jkun mistenni l-ebda riskju għall-ambjent.

(11) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju rakkomandati għall-ħarsien ta' l-ilma ta' taħt l-art huma kkunsidrati bħala biżżejjed biex iħarsu lill-bnedmin esposti mill-ambjent.

[1] ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

[2] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

TAQSIMA 4

**DESTINATARJI**

(12) Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lis-setturi kollha li jimpurtaw, jipproduċu, jittrasportaw, jaħżnu, jifformulaw fi preparazzjoni jew ipproċessar ieħor, jużaw, jarmu jew jirkurpraw is-sustanzi u lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Mejju 2008

## dwar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: 2,3-Epoxypropyltrimethylammonium chloride (EPTAC), (3-Chloro-2-hydroxypropyl) trimethylammonium chloride (CHPTAC) u Hexachlorocyclopentadiene

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2316)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/472/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 is-sustanzi li ġejjin kienu identifikati bħala sustanzi ta' prijorità għall-valutazzjoni skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 143/97 [2] u (KE) Nru 2364/2000 [3] li jikkonċernaw rispettivament it-tielet u r-raba' lista ta' sustanzi ta' prijorità kif previst fir-Regolament (KEE) Nru 793/93:

— 2,3-Epoxypropyltrimethylammonium chloride (EPTAC),

— (3-Chloro-2-hydroxypropyl) trimethylammonium chloride (CHPTAC),

— Hexachlorocyclopentadiene.

(2) L-Istati Membri rapporteur maħtura skond dawk ir-Regolamenti temmew l-attivitajiet tal-valutazzjoni tar-riskju għall-bniedem u għall-ambjent għal dawk is-sustanzi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta' Ġunju 1994 li jistipula l-prinċipji għal studju dwar ir-riskji lill-bniedem u l-ambjent ta' materjali eżistenti [4] skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93.

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent (SCHER) kien ikkonsultat u ħareġ opinjonijiet dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju li saru mir-rapporteurs. L-opinjonijiet ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kumitat Xjentifiku.

(4) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u aktar riżultati ta' l-istrateġiji biex ikunu limitati r-riskji huma stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni korrispondenti [5].

(5) Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, huwa xieraq li jkunu rakkomandati ċerti miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għal ċerti sustanzi. Għal sustanzi li mhumiex speċifikament elenkati, m'hemm l-ebda rakkomandazzjoni għad-destinatarji ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(6) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju rakkomandati għall-ħaddiema għandhom ikunu kkunsidrati fi ħdan il-qafas tal-leġislazzjoni għall-protezzjoni tal-ħaddiema, meqjusa li tipprovdi qafas xieraq biex jiġu limitati r-riskji tas-sustanzi rilevanti sa fejn meħtieġ.

(7) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju provduti f'din ir-rakkomandazzjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

TAQSIMA 1

### 2,3-EPOXYPROPYLTRIMETHYLAMMONIUM CHLORIDE (EPTAC)

*(CAS Nru 3033-77-0; Einecs Nru 221-221-0)*

### Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għall-ħaddiema (1) u għall-ambjent (2)

(1) L-impjegati li jużaw l-EPTAC fil-manifattura u bħala aġent ta' katjonizzazzjoni fil-katjonizzazzjoni tal-lamti għandhom jikkunsidraw kwalunkwe gwida speċifika għas-settur żviluppata fuq livell nazzjonali bbażata fuq il-gwida prattika u ta' natura li ma torbotx, imfassla mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE [6] (Id-Direttiva ta' l-Aġenti Kimiċi).

[1] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
[2] ĠU L 25, 28.1.1997, p. 13.
[3] ĠU L 273, 26.10.2000, p. 5.
[4] ĠU L 161, 29.6.1994, p. 3.
[5] ĠU C 157, 21.6.2008, p. 10.
[6] ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21).

(2) L-emissjonijiet lokali tal-EPTAC fl-ambjent għandhom, fejn meħtieġ, ikunu kkontrollati minn regoli nazzjonali biex jiżguraw li ma jkun mistenni l-ebda riskju għall-ambjent.

TAQSIMA 2

**(3-CHLORO-2-HYDROXYPROPYL) TRIMETHYLAMMONIUM CHLORIDE (CHPTAC)**

*(CAS Nru 3327-22-8; Einecs Nru 222-048-3)*

**Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għall-ħaddiema (3) u għall-ambjent (4)**

(3) L-impjegati li jużaw s-CHPTAC bħala aġent ta’ katjonizzazzjoni fil-katjonizzazzjoni tal-lamti għandhom jikkunsidraw kwalunkwe gwida speċifika għas-settur żviluppata fuq livell nazzjonali bbażata fuq il-gwida prattika u ta’ natura li ma torbotx, imfassla mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE.

(4) L-emissjonijiet lokali tas-CHPTAC fl-ambjent għandhom, fejn meħtieġ, ikunu kkontrollati minn regoli nazzjonali biex jiżguraw li ma jkun mistenni l-ebda riskju għall-ambjent.

TAQSIMA 3

**DESTINATARJI**

(5) Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lis-setturi kollha li jimpurtaw, jipproduċu, jittrasportaw, jaħżnu, jifformulaw fi preparazzjoni jew ipproċessar ieħor, jużaw, jarmu jew jirkurpraw is-sustanzi u lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta’ Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Ġunju 2008

## dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltà ċivili ta' l-awdituri u d-ditti tal-verifika statutorji

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2274)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/473/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 211 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE ([1]) tistabbilixxi armonizzazzjoni minima ta' rekwiżiti statutorji tal-verifika. Skond l-Artikolu 31 ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-impatt tar-regoli nazzjonali attwali dwar ir-responsabbiltà għat-twettiq ta' verifiki statutorji dwar is-swieq Ewropej tal-kapital u dwar il-kundizzjonijiet ta' l-assigurazzjoni għal awdituri u ditti tal-verifika statutorji u tagħmel rakkomandazzjonijiet fejn tqis xieraq.

(2) L-operat mexxej tas-swieq kapitali jeħtieġ kapaċità sostenibbli ta' verifika u suq kompetittiv għas-servizzi ta' verifika li fihom ikun hemm biżżejjed għażla ta' ditti tal-verifika kapaċi jiżvolġu u disposti jiżvolġu verifiki statutorji tal-kumpaniji li t-titoli tagħhom ikunu ammessi biex jiġu nnegozjati f'suq regolat ta' Stat Membru. Madankollu, il-volatilità kabbara fil-kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji fis-suq wasslet għal riskji wisq akbar ta' responsabbiltà, filwaqt li l-aċċess għall-kopertura ta' l-assigurazzjoni kontra r-riskji marbuta ma' tali verifiki saru dejjem aktar limitati.

(3) Billi r-responsabbiltà illimitata u *in solidum* tista' tgerrex ditti u netwerks tal-verifika milli jidħlu fis-suq internazzjonali tal-verifika għall-kumpaniji elenkati fil-Komunità, ftit fadal prospett għal netwerks emerġenti tal-verifika ġodda li jkunu f'pożizzjoni li jiżvolġu verifika statutorja ta' tali kumpaniji.

(4) Konsegwentement, ir-responsabbiltà ta' l-awdituri u d-ditti tal-verifika, inkluż il-gruppi ta' awdituri, li jwettqu l-verifiki statutorji ta' kumpaniji elenkati għandhom ikunu limitati. Madankollu, kwalunkwe limitazzjoni ta' responsabbiltà mhix ġustifikata f'każijiet ta' ksur internazzjonali tad-dmirjiet professjonali min-naħa ta' awditur u ma għandhiex tapplika f'tali każijiet. Lanqas għandu tali limitazzjoni tippreġudika d-dritt ta' parti aggravata milli tkun kumpensata b'mod ġust.

(5) Fid-dawl tal-varjazzjonijiet konsiderevoli bejn is-sistemi tar-responsabbiltà ċivili fl-Istati Membri, huwa xieraq f'dan l-istadju li kull Stat Membru jkun kapaċi jagħżel il-metodu ta' limitazzjoni li jqis l-aktar xieraq għas-sistema tiegħu ta' responsabbiltà ċivili.

(6) L-Istati Membri għandhom bl-istess mod ikun kapaċi jiddeterminaw skond il-liġi nazzjonali limitu massimu fir-rigward tar-responsabbiltà ta' l-awdituri. Alternattivament l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jistabbilixxu skond il-liġi nazzjonali sistema ta' responsabbiltà propozjonata li biha l-awdituri u d-ditti tal-verifika statutorji jinżammu responsabbli skond sa fejn iwassal il-kontribut tagħhom għall-ħsara kkawżata, mingħajr ma tkun responsabbiltà *in solidum* ma partijiet oħra. Fl-Istati Membri fejn kwalunkwe talba kontra awdituri statutorji tista' titressaq biss minn kumpanija vverifikata u mhux minn azzjonisti individwali jew kwalunkwe parti terza oħra, l-Istat Membru għandu wkoll ikun kapaċi jippermetti lill-kumpanija, l-azzjonisti tagħha u l-awditur jiddeterminaw il-limitazzjoni tar-responsabbiltà ta' l-awditur, soġġett għal salvagwardji xierqa għall-investituri fil-kumpanija verifikata,

B'DAN TIRRAKOMANDA:

### Suġġett

1. Din ir-Rakkomandazzjoni tittratta r-responsabbiltà ċivili ta' l-awdituri u ditti tal-verifika li jwettqu verifika statutorja tal-kontijiet konsolidati jew annwali ta' kumpanija li tkun irreġistrata fi Stat Membru u li t-titoli tagħha jkunu ammessi għan-negozju f'suq regolat fi Stat Membru.

### Limitazzjoni tar-responsabbiltà

2. Ir-responsabbiltà ċivili ta' l-awdituri u d-ditti tal-verifika statutorji li toriġina minn ksur tad-dmirijiet professjonali tagħhom għandha tkun limitata ħlief f'każijiet ta' ksur internazzjonali tad-dmirijiet mill-awditur jew id-ditta tal-verifika statutorji.

([1]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2008/30/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 53).

3. Il-limitazzjoni tar-responsabbiltà għandha tapplika kontra l-kumpanija vverifikata u kwalunkwe parti terza intitolata skond il-liġi nazzjonali biex tressaq talba għal kumpens.

4. Kwalunkwe limitazzjoni għar-responsabbiltà ċivili ma għandhiex iżżomm lill-partijiet aggravati milli jkunu ġustament ikkumpensati.

### Metodi biex tillimita r-responsabbiltà

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jillimitaw ir-responsabbiltà. Għal dak il-fini, huwa rrakkomandat li jintuża kwalunkwe wieħed, jew aktar, partikolarment mill-metodi li ġejjin:

(a) l-istabbilment ta' ammont massimu finanzjarju jew ta' formula li tippermetti għall-kalkolu ta' tali ammont.

(b) l-istabbiliment ta' sett ta' prinċipji li permezz tagħha awditur jew ditta tal-verifika statutorji ma jkunux responsabbli aktar mill-kontribut reali tagħhom għat-telf imġarrab minn parti li tkun għamlet it-talba u għaldaqstant ma jkunux responsabbli *in solidum* flinkien ma' kontravenjenti oħra.

(ċ) dispożizzjoni li tippermetti kwalunkwe kumpanija li tiġi vverifikata u l-awditur jew id-ditta tal-verifika statutorja biex jiddeterminaw limitazzjoni tar-responsabbiltà fi ftehim.

6. Fejn ir-responsabbiltà tkun limitata bi ftehim kif imsemmi fil-punt 5(ċ), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintlaħqu l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-ftehim huwa soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju;

(b) fir-rigward tal-kumpanija li tiġi vverifikata, il-limitazzjoni tiġi deċiża kollettivament mill-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji msemmija fl-Artikolu 50 b ([1]) tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, jew fil-każ tal-verifika ta' grupp, fl-Artikolu 36 a tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE ([2]), u tali deċiżjoni tkun approvata mill-azzjonisti tal-kumpanija li tiġi vverifikata;

(ċ) il-limitazzjoni u kwalunkwe modifika tiegħu jkunu ppubblikati fin-noti għall-kontijiet tal-kumpanija vverifikata.

7. Qabel ma jiġu adottati miżuri implimentattivi kwalunkwe mill-metodi msemmija fil-punt 5(a), (b) jew (ċ), jew kwalunkwe metodu ieħor li jillimita r-responsabbiltà li jikkonforma mal-punti 2, 3 u 4, Stat Membru għandu jqis l-impatt fuq is-swieq finanzjarji u l-investituri u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq għall-verifika statutorja tal-kumpaniji elenkati, kif ukoll l-impatt fuq il-kwalità tal-verifika, l-assigurabbiltà tar-riskji u l-kumpaniji li jiġu vverifikati.

### Segwitu

8. L-Istati Membri huma mistiedna jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar azzjonijiet li jittieħdu fid-dawl ta' din ir-Rakkomandazzjoni sal-5 ta' Ġunju 2010.

### Destinatarji

9. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Charlie McCREEVY
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/99/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 137).